**MALTA FOOTBALL ASSOCIATION** 6



**MARATONA TA' MALTA** 30



**SNOOKER** 38



Nru. 120 **Marzu 2017**

# SPORTIV



**Premier**
It-taqtiegħa se tkun bejn tliet timijiet **17**

**Ċikliżmu**
Suċċess doppju għaċ-Ċikliżmu permezz ta' Zammit u Bajada **32**

**MEUSAC**
L-Isport jgħaqqad in-nies fl-Ewropa **42**

**Kompetizzjoni**
Irbaħ €25 voucher ma' Teamsport



## Duncan **Micallef**
## l-Isportiv tas-Sena 2016


GAME IS A MOMENT
WIN IT
COLLECT CODES AND WIN FOOTBALL PRIZES FROM PEPSI
OFFICIAL SPONSOR OF UEFA CHAMPIONS LEAGUE
TAKE YOUR PASSION TO THE FINAL
max taste • zero sugar
UEFA CHAMPIONS LEAGUE
pepsi
0,5L
TICKET
UEFA CHAMPIONS LEAGUE
FINAL CARDIFF 2017
BUY PEPSI AND REGISTER THE CODE FOR A CHANCE TO WIN TICKETS TO THE UEFA CHAMPIONS LEAGUE FINAL CARDIFF 2017 AND SEMI-FINAL MATCHES AND OTHER FOOTBALL PRIZES.
MORE DETAILS ON
PEPSIFOOTBALL.COM.MT
UEFA CHAMPIONS LEAGUE
pepsi
OFFICIAL SOFT DRINK PARTNER
TERMS AND CONDITIONS APPLY.
IMAGES ARE FOR ILLUSTRATION PURPOSES ONLY.
ACTUAL PRIZES MAY DIFFER FROM IMAGES SHOWN HEREIN.

# Marzu 2017



**Jesmond Moore**
*Editur*

Mill-aħħar ħarġa ta' dan il-magażin sportiv popolari, l-attenzjoni prinċipali kienet mixħuta fuq l-Għażliet Sportivi Nazzjonali fejn l-aktar unur prestiġjuż - l-Isportiv tas-Sena 2016 - intrebaħ minn Duncan Micallef (Motorsport) filwaqt li dak tal-Isportiva tas-Sena ntrebaħ minn Tiziana Carannante (bowling). Minn dawn il-kolonni nifirħulhom kif ukoll nifirħu lir-rebbieħa kollha tas-serata.

Intant, il-Kampjonat BOV Premier jidher li se jkun missielet bejn tliet timijiet hekk kif Balzan, Hibernians u Valletta nqatgħu għalihom waħedhom.

Il-Kampjonat BOV I Diviżjoni għadu nċert u se jibqa' missielet sal-aħħar.

Mill-Kampjonat BOV II Diviżjoni diġà ġew promossi erba' timijiet - Zejtun C., Zabbar SP, Qrendi u San Gwann, bit-taqtiegħa għar-rebħ tat-titlu tidher li se tkun bejn Zejun u Zabbar.

Fil-Kampjonat BOV III Diviżjoni, il-leaders Kalkara jidhru li resqin lejn ir-rebħ tat-titlu meta għandhom vantaġġ sostanzjali fil-quċċata tal-klassifika.




**irbaħ €25 voucher ma'**

**TeamSporT®**

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ rigal ġentilment offrut lilna minn Teamsport...

**Min rebaħ l-unur ta' l-Isportiv tas-Sena 2016**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' April, 2017:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41,**
**Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 119 hija:*
**Awstrija**

*Ir-rebbieħa hija: S. Caruana (Msida)*






**BOV PERSONAL LOANS**

Is-self personali kollu huwa suġġett għall-kriterji normali ta' self u għall-approvazzjoni finali mill-fergħa tiegħek tal-BOV. Il-benefiċċju ta' assigurazzjoni b'xejn fuq il-ħajja huwa ta' massimu ta' €25,000 għal kull faċilità, sal-età ta' 69 sena jew sakemm titħallas il-faċilità skont x'jagħlaq l-ewwel. Japplikaw xi termini u kundizzjonijiet.

Maħruġ minn Bank of Valletta p.l.c.,
58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

**2131 2020 | bov.com**

BOV
Bank of Valletta




**SPORTIV**
**Magażin Sportiv ta' kull xahar**

Ħarġa nru.
# 120

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**Disinn**
Ryan Bezzina
Mario Mercieca
Jurgen Stellini

design@unionprint.com.mt

**Ritratti**
Roger Azzopardi
Christine Borg
Dominic Borg
Alan Saliba

**Cover**
Duncan Micallef bit-trofej tal-Isportiv tas-Sena 2016 wara l-preżentazzjoni (Ritratt: Motors MT)

SPORTIV huwa ppubblikat u stampat minn Union Print Co. Ltd, Marsa

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal L-ORIZZONT u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.





# Werrej

**6 MFA**
Is-60 anniversarju tat-team nazzjonali

**17 Kampjonat Premier**
It-taqtiegħa se tkun bejn tliet timijiet

**22 L-Ewwel Diviżjoni**
Naxxar Lions leaders assoluti?

**23 It-Tieni Diviżjoni**
Erba' timijiet diġà promossi

**24 It-Tielet Diviżjoni**
Kalkara jifthu vantaġġ ta' tmien punti

**25 Football**
Timijiet tal-BOV jirbħu l-Kampjonati tal-MESA

**26 Football Ingliż**
Manchester United jirbħu l-League Cup għall-ħames darba

**29 BMX**
Karl Naja l-ewwel Malti li jagħmel backflip b'rota tal-BMX

**30 Maratona ta' Malta 2017**
Mohammed Hajjy jirbaħ għas-sitt darba

**32 Ċikliżmu**
Suċċess doppju permezz ta' Joe Bajada u John Zammit

**34 Youth FA**
Proġett mifrux fuq tliet staġuni

**36 Motorsports**
Isiru l-Malta Motorsport Awards 2017

**38 Snooker**
L-Ingliż Barry Hawkins jirbaħ il-World Grand Prix

**40 Gozo Sports**
Tkompli l-avventura storika ta' SK Victoria Wanderers

**42 MEUSAC**
L-Isport jgħaqqad in-nies fl-Ewropa

**44 Storja tal-football Malti**
Jinqala' l-inkwiet wara l-logħba bejn Valletta u Sliema Wanderers

**46 Tisliba/Spotball**
Irbaħ ma' Eurosport u ma' Fitness Studio

mfa.com.mt




# L-MFA tfakkar is-60 anniversarju
## tad-debutt uffiċjali tat-team nazzjonali

Il-Malta Football Association organizzat riċeviment kommemorattiv biex jiġi mfakkar is-60 anniversarju tal-ewwel logħba uffiċjali tat-team nazzjonali Malti.

Din ħabtet eżattament fil-ġurnata li ntlagħbet il-partita ta' ħbiberija kontra l-Awstrija, nhar il-Ħadd, 24 ta' Frar, 1957, meta quddiem madwar 20,000 spettatur fl-Empire Stadium tal-Gżira, Malta sfat megħluba 3-2 wara li l-Awstrijaċi kienu bnew vantaġġ ta' 3-0.

Iżda goals minn Tony Cauchi (87) u Sammy Nicholl (89) sabu x-xibka avversarja biex inkiseb riżultat inkoraġġanti.

L-attenzjoni prinċipali matul dan ir-riċeviment kienet iffukata fuq dik l-okkażjoni storika u fuq il-players li ħadu sehem fiha fejn l-MFA onorat lill-membri tat-team li għadhom ħajjin u li ħamsa minnhom kienu preżenti.

Dawn huma Lolly Borg, Tony Cauchi, Joe Cilia, Joe Cini u Victor Scerri kif ukoll Nazzareno Alamango li kien ittrenja mal-iskwadra taħt il-gwida tal-coach, Joe Griffiths, iżda ma ġiex magħżul.

Neqsin għal raġuni jew oħra kien hemm Lolly Debattista u Sammy Nicholl.

Il-President tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, qara messaġġ ta' kongratulazzjoni għal din l-okkażjoni mibgħut mill-President tal-FIFA, Gianni Infantino, u wara ppreżenta rigali kommemorattivi lill-players veterani.

Dawn kienu jinkludu nkwadru tal-fidda b'ritratt bil-kulur tat-team Malti fil-logħba msemmija, flixkun inbid minn edizzjoni limitata ta' 60, flokk tat-team nazzjonali b'isem il-players fuqhom u replika eżatta tal-programm oriġinali tal-partita.

Intwera wkoll filmat kommemorattiv qasir tal-logħba tal-1957 li kienet ġiet ikkontrollata mir-referee famuż Taljan, Vincenzo Orlandini.

L-ex goalkeeper tat-team nazzjonali, Victor Scerri, għamel kelmtejn qosra fejn wera s-sodisfazzjoni tiegħu li reġa' ltaqa' mal-ħbieb antiki waqt li sellem lil dawk il-players li m'għadhomx magħna, Ġużi Bonnici, Ninu Calleja, Salvinu Schembri u Pullu Demanuele.

Bla dubju, din kienet laqgħa kommoventi u ta' nostalġija meta tara players li għamlu isem fil-football Malti jitgħannqu bid-dmugħ f'għajnejhom wara li kienu ilhom ma jaraw lil xulxin għexieren ta' snin.

Għal min ma jiftakarx dak iż-żmien forsi ma kinitx daqstant ta' nostalġija, iżda min għexu din kienet okkażjoni imprezzabbli.










MERLOT
MALTA
AUSTRIA
MALTA
L. BORG


60 SENA
TA' FUTBOL
INTERNAZZJONALI
MALTA VS AUSTRIA
24-02-1957





# Il-FIFA f'kuntatt mill-qrib mal-assoċjazzjonijiet nazzjonali

## Is-Segretarju Ġenerali tal-MFA jagħmel preżentazzjoni waqt laqgħa f'Londra

Ritratt Fuq:
Il-President tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, u s-Segretarju Ġenerali, Dr Angelo Chetcuti, flimkien ma' Gianni Infantino, il-President tal-FIFA

"Il-FIFA trid tkun ħafna eqreb tal-assoċjazzjonijiet nazzjonali u tal-amministraturi tagħhom. Il-FIFA hija ta' kulħadd."

Dawn kienu kliem il-President tal-istess FIFA, Gianni Infantino, f'waħda minn serje ta' laqgħat mal-Presidenti u s-Segretarji Ġenerali tal-assoċjazzjonijiet nazzjonali, u li fiha kienet rappreżentata wkoll il-Malta Football Association permezz tal-President, Norman Darmanin Demajo, u s-Segretarju Ġenerali, Dr Angelo Chetcuti. Din il-laqgħa saret f'Londra aktar kmieni matul dan ix-xahar.

F'tentattiv biex tqarreb lill-membri tagħha u taqleb il-paġna wara t-taqlib li għaddiet minnu fil-passat riċenti, il-FIFA qiegħda torganizza numru ta' 'Executive Summits' li fihom rappreżentanti minn pajjiżi u anki kontinenti differenti jaqsmu il-fehmiet tagħhom kif ukoll esperjenzi u best-practices.

Minbarra Infantino, attenda għal-laqgħa wkoll l-ex stilla tat-team nazzjonali Olandiż u AC Milan, Marco van Basten, fir-rwol ġdid tiegħu ta' Chief Development Officer tal-FIFA.

Matul il-laqgħa, l-MFA ntalbet tagħmel preżentazzjoni dwar inizjattivi li qed tieħu favur l-iżvilupp tal-logħba tal-football.



Is-Segretarju Ġenerali, Dr Angelo Chetcuti, tkellem dwar proġetti li għaddejjin f'oqsma bħall-football tan-nisa, il-coaching u r-refereeing.

Fost affarijiet oħra, ġew diskussi wkoll il-format ġdid tat-Tazza tad-Dinja, li mill-edizzjoni tal-2026 se tara żieda fin-numru ta' timijiet parteċipanti għal 48, kif ukoll il-programmi ta' fondi ġodda li nediet il-FIFA dan l-aħħar għall-membri tagħha.

## Tazza tad-Dinja 2018

# Malta timmira għall-ewwel punti kontra s-Slovakkja

### Ghedin jappella lill-partitarji biex jappoġġjaw lit-team




Għada, Malta se tilgħab l-ewwel partita tal-2017 mill-Grupp ta' Kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja, 2018, kontra s-Slovakkja, fl-Istadium Nazzjonali, f'Ta' Qali, fid-8.45 pm.

Kif kien mistenni, it-team nazzjonali sab triq diffiċli ħafna f'dan il-grupp ta' kwalifikazzjoni u tilef l-ewwel erba' partiti. Wara l-ewwel logħba kontra l-Iskozja, li ntemmet f'telfa f'darna ta' 5-1, Malta sofriet żewġ telfiet konsekuttivi bl-iskor identiku ta' 2-0, kontra l-Ingilterra f'Wembley, u kontra l-Litwanja, f'Vilnius.

Taħt it-tmexxija tal-coach nazzjonali Pietro Ghedin, f'Novembru li għadda, it-team Malti kellu l-aħjar wirja f'dan il-Grupp, iżda ma kienx biżżejjed biex evitajna telfa minima f'Ta' Qali kontra s-Slovenja, bl-iskor ta' 1-0.

Bla dubju, Ghedin jittama li l-players tiegħu jilħqu l-ogħla livell fil-partita ferm diffiċli kontra s-Slovakkja.

Ghedin qal: "L-għan tagħna se jkun li nippruvaw niksbu l-ewwel punti f'din il-kompetizzjoni. Is-Slovakkja m'humiex it-team ideali li tiltaqa' miegħu f'dawn iċ-ċirkostanzi peress li huma b'saħħithom ħafna iżda l-għan jibqa' dejjem li nagħtu l-aħjar tagħna u nibbażaw fuq is-serjetà u l-professjonalità tal-players tagħna."

Il-coach nazzjonali għamel appell lill-partitarji lokali biex jerġgħu jkunu huma li jgħinu lill-players iqumu għall-okkażjoni.

"Din hija partita li se nilagħbu f'darna u għandna bżonn li l-partitarji lokali jiġu jagħtu l-appoġġ tagħhom," qal Ghedin.

"Il-fatt li nkunu magħqudin kollha flimkien huwa importanti ħafna. Din se tkun partita mill-aktar diffiċli imma ċert li se nagħmlu minn kollox biex noħorġu minn sitwazzjoni li ma nixtiqux li ninsabu fiha u nirbħu l-ewwel punt." Għall-partita kontra s-Slovakkja, id-difensuri Andrei Agius u Jonathan Caruana huma sospiżi.

Agius, difensur ta' esperjenza ta' Hibernians li lagħab 65 darba għal Malta, qed jiskonta partita waħda wara li ħa t-tieni karta safra fl-aħħar logħba kontra s-Slovenja.

Caruana, il-captain ta' Valletta li lagħab 40 partita bil-flokk ta' Malta, jiskonta t-tieni partita ta' sospensjoni wara l-karta ħamra li rċieva kontra l-Litwanja, f'Ottubru li għadda.

Min-naħa tagħhom, is-Slovakkja se jkunu qed jagħmlu minn kollox biex jieħdu rebħa u tliet punti biex jibqgħu fit-taqtiegħa għar-rebħ ta' Grupp F. It-team immexxi minn Jan Kozak kiseb rebħa ta' 4-0 kontra l-Litwanja fl-aħħar partita tal-Grupp u issa għandu sitt punti minn erba' partiti.

Bi tliet rebħiet u draw, l-Ingilterra jinsabu fil-quċċata ta' Grupp F b'10 punti, segwiti mis-Slovenja bi tmien punti. Il-Litwanja jinsabu fir-raba' post b'ħames punti filwaqt li l-Iskozja għandhom erba' punti. Malta għadha mingħajr l-ebda punt.

| BILJETTI GĦALL-BEJGĦ - ADULTI | | |
|---|---|---|
| West A & C Stands | Millennium Stand – D u F | South Stand |
| €25 | €15 | n/a |

| TFAL TAĦT IT-12-IL SENA | | |
|---|---|---|
| West Stand | Millennium Stand – D u F | South Stand |
| n/a | Tfal taħt it-12-il sena jidħlu MINGĦAJR ĦLAS jekk ikunu akkumpanjati minn adult fil-pussess tal-GOAL CARD | n/a |

## Il-bejgħ tal-biljetti

In-North u s-South Stands mhux se jkunu miftuħin għal din il-partita

Il-biljetti jistgħu jinxtraw minn dawn il-ħwienet:

**MFA OFFICES** - Ta' Qali – Millennium Stand, **EROS STATIONERS** - Paceville

**KSU Office** – On Campus, **LION KING STATIOINERS** - Gwardamanġa

**MATRIX** - Triq ir-Repubblika, Valletta, **MATRIX** - Main Street, Paola

**MATRIX** - Skyparks, MIA, , **TEAMSPORT** - Iklin

**STAR TOURIST SERVICES** – Buġibba, **GFA OFFICES** – Xewkija, Gozo

**ONLINE** - www.mfa.com.mt

Għal aktar informazzjoni wieħed għandu jċempel u fuq 2338 6000 jew jagħmel kuntatt bl-e-mail. norman.saliba@mfa.com.mt



## Il-ġlieda tal-MFA kontra l-korruzzjoni




Il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv tal-MFA waqt l-aħħar laqgħa li saret iktar kmieni dan ix-xahar - (Ritratt: Paul Zammit Cutajar/MFA)

# Il-programm FSR rikonoxxut mill-UEFA

Il-Malta Football Association tappoġġja bis-sħiħ l-abbozz ta' liġi propost mit-Task Force ta' kontra l-korruzzjoni hekk kif il-ġlieda kontra kull forma ta' korruzzjoni tibqa' priorità assoluta għall-Assoċjazzjoni.

"Il-Kumitat Eżekuttiv tal-MFA huwa bis-sħiħ wara l-abbozz ta liġi propost mill-Anti-Corruption Task Force u kull sforz li qed isir biex tiġi miġġielda l-pjaga tal-match-fixing mhux biss fil football iżda f'kull sport," Dr qal Angelo Chetcuti, is-Segretarju Ġenerali tal-MFA.

F'laqgħa tal-Eżekuttiv tal-MFA li saret aktar kmieni dan ix-xahar, Dr Chetcuti spjega l-punti prinċipali tal-abbozz propost kontra l-korruzzjoni li kien imfassal mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali.

L-abbozz jipproponi pieni aktar ħorox f'forma ta' sentenzi effettivi ta' ħabs lil kull min jinqabad f'manipulazzjoni mhux biss tar-riżultat iżda ta' kull aspett ta' avveniment sportiv, u anke jipprovdi lista ta' ċirkostanzi aggravanti.

Il-proviżjoni ta' informazzjoni interna lil terzi persuni għal raġunijiet illeċiti hija wkoll rikonoxxuta bħala offiża f'dan l-abbozz li wkoll jistipula li, il-piena għal atleti misjuba ħatja ta' offiżi ta' korruzzjoni waqt li jkunu qed jirrappreżentaw lil pajjiżhom, titla' bi grad ieħor.

Sadanittant, Norman Darmanin Demajo, President tal-MFA, innota b'sodisfazzjon li l-inizjattivi tal-Assoċjazzjoni dwar responsabbiltajiet soċjali bħala parti mill-programm, 'Football For Life', ġew rikonoxxuti mill-UEFA.

Il-UEFA se tagħti €50,000 f'assistenza finanzjarja taħt il-proġett 'Hat-Trick' lil dawk l-assoċjazzjonijiet nazzjonali li, bħal MFA, diġà għandhom programm għall-Football Social Responsibility.

Is-Sur Darmanin Demajo qal li l-MFA kienet se tagħmel donazzjoni lill-fondazzjoni ta' Bjorn Formosa, ALS Malta, waqt il-programm "Xarabank" li xxandar proprju aktar kmieni matul dan ix-xahar fuq TVM.

Intqal ukoll li, wara t-tibdiliet li wettqet il-UEFA dwar il-kompetizzjonijiet Ewropej għall-erba' snin li ġejjin, mill-2018 sal-2021, il-club li jirbaħ il-kampjonat Malti se jkun garantit żewġ rounds (erba' logħbiet) ta' football Ewropew.

Jekk mill-istaġun 2018/19, iċ-champions tal-football Malti jonqsu li jikkwalifikaw mill-ewwel sat-tielet round taċ-Champions League, imorru awtomatikament fil-UEFA Europa League.

# L-MFA tirbaħ tliet unuri fl-Għażliet Sportivi Nazzjonali

Il-Malta Football Association rebħet it-tliet unuri (minn tlieta) fl-Għażliet Sportivi Nazzjonali li ġew organizzati minn SportMalta u l-Għaqda Ġurnalisti Sports, fil-Mediterranean Conference Centre, lejn tmiem Frar li għadda.

Filwaqt li l-ex referee, Esther Azzopardi, rebħet l-unur tal-Aħjar Uffiċjal, Silvio Vella rebaħ l-unur tal-Aħjar Coach u t-team nazzjonali ta' Taħt il-21 sena, immexxi minnu stess, rebaħ l-unur tal-Aħjar Team. Il-captain tat-team, Ryan Camenzuli, irċieva dan il-premju waqt is-serata, f'isem it-team kollu.

F'kumment qasir, kemm Azzopardi kif ukoll Vella, esprimew is-sodisfazzjon tagħhom għal dan it-tragward ieħor personali fil-karriera tagħhom:




L-ex referee internazzjonali Esther Azzopardi u Silvio Vella, il-coach tat-team nazzjonali ta' taħt il-21 sena, bil-premijiet li rebħu.
*Ritratti: Domenic Aquilina/MFA*

## ESTHER AZZOPARDI

"Dan l-unur ġie f'mument fejn kont diġà ddeċidejt li ntemm il-karriera tiegħi bħala referee iżda huwa xorta premju prestiġjuż għax hu tajjeb li persuna tħoss li l-isforzi li għamlet u r-riżultati miksuba ġew apprezzati u ma ntesewx.

"Dan ir-rikonoxximent wasal ftit xhur wara li ngħatajt il-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika, u allura dan kien perjodu pożittiv ħafna għalija personali.

"Malta mhux pajjiż kbir iżda l-għanijiet li kelli f'moħħi lħaqthom għax, bl-għajnuna t'Alla, ikkontrollajt logħbiet tac-Champions League, Euro and anke t-Tazza tad-Dinja (U-17) tan-nisa."

Azzopardi kellha kliem ta' tifħir għall-appoġġ li rċeviet mill-Malta Football Association matul il-karriera tagħha.

"L-MFA kienet mill-bidu nett warajja. Sibt appoġġ totali. Għal perjodu twil kont l-unika referee mara fil-pajjiż. Sodisfatta ħafna li qed isir progress f'dan is-settur għaliex qed jidħlu iktar bniet fl-akkademja tar-referees u nittama li l-MFA, kif m'għandix dubju li se tagħmel, tibqa' wara dawn it-tfajliet.

"Min-naħa tiegħi, issa qed nagħti kontribut lil-logħba tal-football bħala osservatur, qed ngħin referees żgħar, qed nieħu ħsieb grupp ta' referees oħra li għadhom jibdew u, jekk ikun hemm l-opportunità, nkompli nagħti s-sehem tiegħi anke barra minn xtutna."



Ryan Camenzuli (xellug) jirċievi l-premju tat-team tas-sena f'isem it-team nazzjonali ta' taħt il-21 sena.

## SILVIO VELLA

"Dan ir-rikonoxximent huwa ta' sodisfazzjon kbir mhux għalija biss iżda għat-team kollu, l-istaff tekniku u anke dak mediku. Jien dejjem insostni li l-protagonisti huma l-players.

"Kien suċċess li ġie rikonoxxut minn ħafna nies, apprezzament tax-xogħol li għamlu l-players kollha meta ksibna 11-il punt fl-aħħar kampanja ta' kwalifikazzjoni li kien ifisser rekord. Ksibna ħames punti minn logħbiet barra minn xtutna li wkoll huwa rekord għall-football Malti.

"Nista' ngħid li kienet kompetizzjoni ta' sentejn li offriet ħafna punti pożittivi għalina u għall-football Malti in ġenerali, grazzi anke għall-appoġġ tal-MFA."

Vella jittama li s-suċċess miksub fl-aħħar kampanja ta' kwalifikazzjoni għall-Kampjonat Ewropew ta' Taħt il-21 sena kif ukoll l-unuri mirbuħa fil-kuntest SportMalta Awards L-Għażliet Sportivi Nazzjonali, jixpruna lit-team preżenti biex jagħmel l-almu tiegħu ħalli jkompli din il-mixja pożittiva.

"Se nibdew kompetizzjoni ġdida. Għandna xi players fl-iskwadra preżenti li kienu parti minn dan is-suċċess għaliex għadhom eliġibbli li jilagħbu f'dan il-livell ... dawn il-players kellhom mertu kbir minkejja li kienu ta' età ħafna iżgħar.

"Dawn il-fatturi kollha għandhom iservu ta' inkoraġġiment għall-players li deħlin ġodda biex iħarsu lejn sħabhom u jippruvaw jiksbu l-istess suċċess.

"Madankollu, mhux se tkun faċli għax kull kompetizzjoni fiha l-istorja tagħha u se nkunu qed nilagħbu kontra timijiet b'saħħithom ħafna fi Grupp 6."

# Il-UEFA tirrikonoxxi x-xogħol tal-MFA fil-football tan-Nisa




Ix-xogħol siewi li qed twettaq l-MFA biex tippromwovi l-football tan-nisa f'dan il-pajjiż kien rikonoxxut mill-UEFA.

L-impenn u l-investiment tal-MFA, grazzi anke għall-għajnuna finanzjarja li tingħata mill-UEFA, fl-aktar setturi importanti, bħall-edukazzjoni fil-coaching, il-festivals tal-Youths, u l-akkademja tal-elite għat-tfajliet, flimkien ma' reklamar pożittiv għal-logħba tan-nisa, ġie magħżul bħala eżempju ta' prattika mill-aqwa fir-rapport tal-UEFA Women's Football Development.

Team mid-Dipartiment tal-Media u l-Komunikazzjoni tal-UEFA, immexxija minn Elodie Masson, żaru Malta fi Frar, li għadda, biex jippreparaw servizz dwar l-iżvilupp tal-football tan-nisa.

It-team tal-UEFA, li nkluda żewġ camerapersons professjonali, ġibdu s-sessjoni ta' taħriġ tal-akkademja tat-taħriġ tal-MFA fil-ground tal-Imtarfa kif ukoll fil-festival ta' taħt it-13-il sena fil-Għargħur.

"Il-proġetti tal-football għan-nisa jagħtu immaġini pożittiva tal-logħba," qal Dr Angelo Chetcuti, Segretarju Ġenerali tal-MFA, f'intervista mas-sit uefa.org.

"Il-logħba tagħna trid tkun aktar aċċessibbli. L-appoġġ tal-UEFA huwa kruċjali. Jgħinna wkoll niffinanzjaw l-edukazzjoni fil-coaching u l-akkademja tagħna, kif ukoll il-kompetizzjonijiet."

Taħt it-titlu, "Boosting the women's game in Malta", ir-rapport speċjali dwar il-football tan-nisa f'Malta, b'filmat mill-isbaħ, ittella' bħala l-istorja prinċipali fuq is-sit www.uefa.org iktar kmieni din il-ġimgħa, biex jikkumplimenta Jum il-Mara.

Martina, tfajla ta' 12-il sena, tkellmet dwar l-istorja tagħha u kif intgħażlet biex tifforma parti mill-akkademja tat-tfajliet, flimkien ma' 50 player ta' età żgħira li jit-ħarrġu kull ġimgħa.

"Is-sajf li għadda kellna summer camp organizzat mill-MFA Women's National Academy. Kelli l-provi u ntagħżilt mill-coaches tagħna, u kien hemmhekk fejn bdejt il-karriera tiegħi ta' footballer."

Martina kompliet: "Il-football jgħini nkun aktar kunfidenti għax juri li aħna kapaċi daqs l-irġiel, u li m'hemmx differenzi."

## Aphrodite Cup - Malta tispiċċa fir-raba' post,

Taħt it-tmexxija tal-coach Mark Gatt, it-team nazzjonali tan-nisa spiċċa fir-raba' post fit-tournament tal-Aphrodite Cup li sar f'Ċipru, li kien jinkludi wkoll it-timijiet tal-Latvja, il-Litwanja u t-team ospitu.

Dan it-tournament, fost oħrajn, serva bħala parti mill-preparazzjonijiet għal-logħbiet mir-round preliminari tat-Tazza tad-Dinja, kontra l-Greċja, l-Albanija u l-Kosovo, bejn is-6 u l-11 ta' April li ġej.

Fl-ewwel logħba, il-Maltin sfaw megħluba bl-iskor ta' 1-0 kontra l-Latvja li fir-rankings tal-FIFA jinsabu fis-96 pożizzjoni bħal Malta.

Il-goal li għamel id-differenza bejn iż-żewġ timijiet wasal wara biss tmien minuti skorjat minn Olga Sevcova. Il-Maltin għamlu reazzjoni u resqu viċin minn Charlene Zammit u Brenda Borg.

Imbagħad lejn tmiem il-logħba, il-Maltin kellhom opportunitá li jiksbu d-draw meta ngħataw penalty iżda mill 11 il metru, Rachel Cuschieri, rat lill-goalkeeper avversarja tilqa' t-tentattiv tagħha u mir-rebound, Brenda Borg naqset li tikkonkludi.

Il-Maltin lagħbu b'din il-formazzjoni:






Janice Xuereb, Ann-Marie Said, Kim Parnis, Stephania Farrugia, Dorianne Theuma (Martina Borg 57), Ylenia Carabott (Kelly Agius Pace 70), Rachel Cuschieri, Shona Zammit (Gabriella Zahra 46), Jade Flask, Charlene Zammit, Brenda Borg (Alishia Sultana 46).

Fit-tieni partita, it-team Malti għeleb lil dak ta' Ċipru bl-iskor ta' 2-1. Wara t-telfa ta' 1-0 kontra l-Latvja, il-Maltin niżlu b'determinazzjonai biex ipattu għal dan id-diżappunt u, wara 20 minuta, Dorianne Theuma ġiet imċaħħda milli tiftaħ l-iskor meta x-xutt tagħha ħabat mal-mimduda. Madankollu, żewġ minuti wara, it-team Malti mar fil-vantaġġ meta Martina Borg ikkonkludiet wara taħwida quddiem il-lasti avversarji.

Lejn in-nofs siegħa logħob, Theuma reġgħet resqet viċin iżda l-free-kick tagħha ġie salvat bi tbatija mill-goalkeeper Ċiprijotta.

Imbagħad, kontra x-xejra tal-logħob, it-team ospitu kiseb id-draw minn Marilena Georgiou lejn nofs it-tieni taqsima.

Iżda jekk forsi kien goal li deher li seta' jiddemoralizza lill-Maltin, huma kellhom ideat oħra għax tmien minuti mit-tmiem, Ylenia Carabott skorjat il-goal tar-rebħa b'xutt fil-baxx biex din kienet l-ewwel rebħa fuq Ċipru.

Żewġ minuti wara, Theuma reġgħet ġiet imċaħħda mill-mimduda.

It-team Malti lagħab hekk: Rachel Borg, Gabriella Zahra (Alishia Sultana 78), Ann-Marie Said, Stephania Farrugia, Dorianne Theuma, Ylenia Carabott, Rachel Cuschieri, Martina Borg (Brenda Borg 75), Shona Zammit (Kim Parnis 56), Jade Flask, Charlene Zammit.

Fit-tielet u l-aħħar partita, il-Maltin ħarġu telliefa 3-1 kontra l-Litwanja wara l-għoti tal-penalties wara draw ta' 1-1 biex ikklassifikaw fir-raba' post. Il-Maltin ma setgħux kellhom bidu aħjar hekk kif wara biss żewġ minuti feteħu l-iskor minn Martina Borg meta mir-rebound xeħtet fix-xibka wara li l-goalkeeper avversarja salvat parzjalment fuq tentattiv ta' Dorianne Theuma.

Iżda erba' minuti wara, l-avversarji tagħna kisbu d-draw minn free-kick dirett.

Mal-ħin, il-Maltin bdew jimmaturaw fejn kellhom il-mumenti tagħhom iżda Theuma u Rachel Cuschieri fallew li jiskorjaw minn pożizzjonijiet ideali.

U bil-partita tintemm fi draw, kellhom jingħataw il-penalties fejn Dorianne Theuma skorjat l-uniku goal tal-Maltin kontra t-tlieta li skorjaw il-Litwani biex dawn tal-aħħar spiċċaw fit-tielet post.

Il-formazzjoni Maltija: Rachel Borg, Kelly Agius Pace (Rebecca Bajada 23) (Yasmeen Vella 67), Ann-Marie Said, Kim Parnis (Brenda Borg 46), Stephania Farrugia, Dorianne Theuma, Ylenia Carabott, Rachel Cuschieri, Martina Borg (Alishia Sultana 24), Jade Flask (Gabriella Zahra 70), Charlene Zammit.

**Il-kontinġent Malti kien kompost minn:**

**Goalkeepers:** Rachel Borg (Mgarr United), Janice Xuereb (Birkirkara).

**Difensuri:** Rebecca Bajada (Hibernians), Stephania Farrugia (Birkirkara), Jade Flask (Hibernians), Ann-Marie Said (Birkirkara), Gabriella Zahra (Birkirkara), Charlene Zammit (Hibernians), Yasmeen-Marie Vella (Birkirkara).

**Midfielders:** Alishia Sultana (Birkirkara), Kim Parnis (Birkirkara), Dorianne Theuma (Hibernians), Shona Zammit (Hibernians), Brenda Borg (Mgarr United), Rachel Cuschieri (Apollon Ladies)

**Attakkanti:** Ylenia Carabott (Hibernians), Kelly Agius Pace (Birkirkara), Martina Borg (Hibernians).

**Staff tekniku:** Pierre Brincat (team manager); Mark Gatt (coach), Dionne Tonna (assistent coach); Roger Camilleri (coach tal-goalkeepers); Alfred Zammit (kit manager); Joseph Pace (tabib); Lorella Marie Debono (fiżjoterapista).

# It-team nazzjonali ta' Taħt id-19-il sena jieħu sehem fit-tournament ta' **Caput Mundi**



Aktar kmieni dan ix-xahar, taħt it-tmexxija tal-coach, Wayne Attard, it-team nazzjonali Malta ta' Taħt id-19-il sena, ħa sehem fil-11-il edizzjoni tat-tournament Caput Mundi, li ntlagħab fil-belt kapitali Taljana, Ruma. Din il-parteċipazzjoni serviet bħala parti mill-preparazzjoni għar-round ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonat Ewropew li se jingħata bidu aktar tard matul is-sena.

It-team Malti kien fi Grupp B bl-avversarji jkunu l-Albanija, selezzjoni mil-Lega Nazionale Dilettanti Taljana u selezzjoni mill-England Colleges Football Association.

L-ewwel partita kienet dik kontra l-Albanija li ntlagħbet fi Stadio Roberto Abbafati, f'Lariano, fejn il-Maltin ħarġu telliefa bl-iskor ta' 2-1. Kien Jan Busuttil li fetaħ l-iskor fil-11-il minuta iżda l-Maltin pattew qares għaċ-ċansijiet mitlufa meta l-avversarji dawru telfa f'rebħa għax l-Albaniżi skorjaw darbtejn fl-aħħar 20 minuta.

Fit-tieni partita tat-tournament, it-team Malti ħareġ tellief bl-iskor ta' 2-0 kontra t-team Taljan mil-Lega Nazionale Dilettanti liema partita ntlagħbet fi Stadio, Andrea Caslini, f'Callefero. Wara taqsima mingħajr goals, it-Taljani skorjaw darbtejn bil-protagonista jkun il-player ta' 17-il sena, Luigi Biccari (53, 68), biż-żewġ goals jaslu permezz ta' daqqiet ta' ras.

Anke fit-tielet logħba, li ntlagħbet fi Stadio Gianni Fraiegari Stadium, f'Piglio, il-Maltin sfaw megħluba, din id-darba kontra l-England Colleges FA bl-iskor ta' 3-1. Kienu l-Ingliżi li fethu l-iskor kmieni

# Imsejħa l-iskwadra ta' Taħt il-21 sena

## għall-ewwel impenn fil-Kampjonat Ewropew



It-team nazzjonali Malti ta' Taħt il-21 sena, nhar it-Tnejn li ġej, 27 ta' Marzu, se jibda l-avventura ġdida tiegħu fir-round ta' Kwalifikazzjoni tal-Euro 2019 kontra l-Belġju liema partita se tintlagħab f'Louvain, fit-8.00pm.

Dan wara li nhar il-Ħamis li għadda, huwa lagħab partita ta' ħbiberija kontra l-Lussemburgu, iżda sakemm morna għall-istampa, ir-riżultat ma kienx inkluż.

Filwaqt li l-coach nazzjonali, Silvio Vella, għad għandu għad-dispożizzjoni tiegħu numru ta' players li diġà kellu fl-aħħar edizzjoni, players bħal Joseph Mbong, li qed jilgħab fil-Kroazja ma' NK Inter Zapresic, Jake Grech, il-captain ta' Ħamrun Spartans, Jurgen Degabriele, ta' Hibernians u Jean Borg ta' Valletta, ġew promossi wkoll diversi players ġodda.

Disgħa mit-18-il player fis-selezzjoni ta' Vella kienu parti mit-team nazzjonali Malti ta' Taħt is-17-il sena li pparteċipa fil-Kampjonat Ewropew UEFA Under-17, li ntlagħab f'Malta fl-2014. Ħafna mill-players fl-iskwadra ta' Taħt il-21 sena twieldu fl-1997 jew l-1998 filwaqt li Myles Beerman, li qed jilgħab għall-Akkademja ta' Rangers, fl-Iskozja, għadu kemm għalaq 18-il sena.

"Hemm kontinwazzjoni," qal Vella lil www.mfa.com.mt "Il-players li kienu fl-iskwadra ta' taħt is-17-il sena għat-tournament tal-UEFA f'Malta għandhom ħafna esperjenza internazzjonali, anki jekk il-livelli huma differenti.

"Iżda, l-aktar ħaġa importanti hi li dawn il-players tjiebu u qed jilagħbu regolari mal-clubs tagħhom. Hemm ukoll xi ftit minnhom li diġà għandhom esperjenza fit-team ta' Taħt il-21 sena u l-kontribuzzjoni tagħhom se tkun importanti ħafna għalina.

fil-partita minn Charlie Coppola iżda, fit-30 minuta, Kurt Shaw kiseb id-draw għall-Maltin biex iż-żewġ timijiet daħlu jistrieħu f'paritá.

Minkejja li t-tieni taqsima kienet bilanċjata, Matt Riley (64) xeħet lill-Ingliżi fil-vantaġġ b'xutt mill-bogħod, imbagħad tmien minuti mit-tmiem, Sorba Thomas issiġilla r-rebħa għal skor ta' 3-1.

**L-iskwadra Maltija kienet komposta minn:**

**Goalkeepers:** Rashed Al Tumi (ASD Katane Soccer); Duncan Formosa (St Andrews).

**Difensuri:** Jeremy Busuttil (Ħamrun Spartans); Gary Camilleri (Balzan); Romario Camilleri (Frosinone); Zachary Grech (Pembroke); Mark Fenech (Naxxar Lions); Dejan Debono (St Andrews).

**Midfielders:** Jurgen Grech (Mosta); Jan Busuttil (Pietà Hotspurs); Mark Desira (Sliema Wanderers); Neil Frendo (Mosta); Kurt Shaw (Sliema Wanderers);

**Attakkanti:** Omar Elouni (Sliema Wanderers); Kyle Mifsud (Birkirkara); Andrei Spiteri (ASD Katane Soccer); Malcolm Vella Vidal (St Andrews); Mattia Zarb (Floriana).

**L-istaff tekniku** kien iffurmat minn Robert Gatt (Direttur Tekniku), Jesmond Abela (Team Manager), Wayne Attard (coach), Peter Pullicino (assistant coach), Charles Sciberras (coach tal-goalkeepers), Daniel McKean (tabib), Luke Busuttil Leaver (Fiżjoterapista), Aaron Ancilleri (masseur), Paul Schembri – (kit manager).

"L-għan prinċipali huwa li nżommu l-livell għoli fil-prestazzjonijiet tagħna." Fl-aħħar grupp ta' kwalifikazzjoni tat-team ta' Taħt il-21 sena, Malta kisbet 11-il punt fi Grupp 1, l-aqwa punteġġ miksub minn team nazzjonali f'kompetizzjoni internazzjonali.

Il-pajjiżi l-oħra fi Grupp 6 huma Ċipru, l-Ungerija, l-Isvezja u t-Turkija. Malta u l-Belġju kienu fl-istess grupp fl-aħħar kwalifikazzjoni ta' Taħt il-21 sena b'dawn tal-aħħar jirbħu 2-0 f'darhom u 3-2 fil-Hibernians Stadium.

**L-iskwadra ta' 18-il player hija:**

**Goalkeepers:** Jake Galea (St Andrews); Philip Schranz (Tarxien Rainbows).

**Difensuri:** Jean Borg (Valletta); Michele Sansone (Sliema Wanderers); Karl Micallef (Ħamrun Spartans); Nikolai Muscat (San Gwann); Dunstan Vella (Hibernians); Kurt Zammit (Tarxien Rainbows).

**Midfielders:** Myles Beerman (Rangers, Skozja); Jurgen Suda (Pietà Hotspurs); Juan Corbalan (Gzira United); Jake Grech (Hamrun Spartans); Matthew Guillaumier (Birkirkara); Zachary Scerri (Gzira United).

**Attakkanti:** Jurgen Degabriele (Hibernians); Aidan Friggieri (St Andrew's); Joseph Mbong (NK Inter Zapresic, Kroazja); Kyran Nwoko (St Andrew's).

# Uffiċjali Maltin jikkontrollaw logħbiet fl-Albanija



Lejn tmiem ix-xahar li għadda, referees u assistant referees tal-Malta Football Association mill-kategorija Elite, kienu involuti f'żewġ logħbiet mill-ogħla kampjonati, fl-Albanija.

Is-Sibt 25 ta' Frar 2017, ir-referee Sandro Spiteri ikkontrolla l-logħba bejn KF Apolonia u KS Lushnja (0-2). Huwa kien assistit minn Peter Abela u Ryan Aquilina, filwaqt li Glen Tonna kien ir-raba' uffiċjal.

Il-Ħadd 26 ta' Frar 2017, ir-referee Glen Tonna ikkontrolla l-logħba bejn KF Tirana u KS Flamurtari (0-0). Huwa kien assistit minn Peter Abela u Ryan Aquilina, filwaqt li Sandro Spiteri kien ir-raba' uffiċjal.

Din kienet l-ewwel esperjenza għal uffiċjali Maltin fl-Albanija. Huma kienu akkumpanjati mill-membru tar-Referees' Committee Alex Arena, li kien ir-referee observer tal-logħba bejn KF Vllaznia u KF Skenderbeu.

## ..... kif ukoll fil-Kosovo

Fil-bidu ta' dan ix-xahar, assistejna għal skambju ieħor ta' referees bħala parti minn ftehim milħuqa kontinwament bejn il-Malta FA u Assoċjazzjonijiet oħrajn nazzjonali.

Għall-ewwel darba, uffiċjali lokali marru l-Kosovo biex jikkontrollaw logħba mill-ogħla diviżjoni.

Is-Sibt, 8 ta' Marzu, l-Elite referee Philip Farrugia flimkien mal-assistant referee tal-FIFA Christopher Francalanza, l-Elite assistant referee William Debattista u l-Elite referee Etienne Mangion bħala Raba' Uffiċjal, ikkontrollaw il-logħba mis-Superliga bejn il-leaders tal-klassifika, KF Trepca 89, u KF Ferizaj li ntlagħbet, f'Mitrovice Stadium, u li spiċċat fi draw ta' 1-1.

It-team ta' referees kien jinkludi lil Adrian Azzopardi li kien osservatur tal-uffiċjali Kosovari li kkontrollaw il-logħba bejn KF Liria u KF Besa (0-1).

Opportunità bħal din għar-referees u l-assistant referees tagħna li jikkontrollaw logħbiet 'l bogħod minn xtutna, tkompli tħejjilhom it-triq li jkomplu jiżviluppaw il-karrieri tagħhom.

# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 40 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt

ritratti **Christine Borg u Dominic Borg**






# It-taqtiegħa se tkun bejn tliet timijiet

Meta ntlagħbet il-25 ġurnata tal-Kampjonat BOV Premier, ingħatat indikazzjoni kbira li t-taqtiegħa għar-rebħ tat-titlu se tkun bejn tliet timijiet - Balzan, Hibernians u Valletta - hekk kif qed jinqatgħu għalihom.

Min-naħa ta' Floriana, li kienu qed jixħtu l-pressjoni fuq dawn it-tliet timijiet tilfu wkoll ir-raba' post għax ġew maqbuża minn Birkirkara, b'dawn tal-aħħar jittamaw li jispiċċaw f'din il-pożizzjoni li tista' tfisser kwalifikazzjoni għall-UEFA Europa League ... iżda jiddependi minn se jirbaħ l-FA Trophy.

Mill aħħar tliet partiti kienu Balzan u Valletta biss li kisbu punti massimi filwaqt li Hibernians ġew miżmuma f'partita waħda. Min-naħa l-oħra, Tarxien R., Mosta u Pembroke A., ma kisbu l-ebda punti hekk kif sofrew tliet telfiet.

Iżda kif kien ir-rekord ta' kull team f'dawn l-aħħar tliet konfronti?

It-timijiet huma mniżżlin b'mod alfabetiku u n-numru fil-parentesti jindika l-pożizzjoni tagħhom.

**BALZAN (1)** - Irreġistraw 9 punti minn tliet partiti meta għelbu lil Mosta (7-1), Pembroke A. (5-2) u Floriana (2-0). Huma għandhom ukoll l-aħjar differenza ta' goals meta skorjaw 14 u sofrew 2 goals biss.

**BIRKIRKARA (4)** - Ġew mizmua fi draw ta' 2-2 minn St Andrew's iżda għelbu lil Tarxien R. (1-0) u lil Hamrun S. (3-0) għal total ta' 7 punti.

**FLORIANA (5)** - Irreġistraw rebħa fuq Pembroke A. (2-0), ġew miżmuma minn St Andrew's (0-0) u sfaw megħluba minn Balzan (2-0) għal total ta' 4 punti. Kif wieħed jinnota, f'270 minuta skorjaw biss żewġ goals u sofrew tnejn ukoll.

**GZIRA UNITED (10)** - Kisbu 6 punti - żewġ rebħiet fuq Tarxien R. (1-0) u Hamrun S. (3-1) iżda tilfu kontra Sliema W. (1-0).

**HAMRUN SPARTANS (9)** - Spiċċaw fi draw kontra Hibernians (3-3) iżda sofrew żewġ telfiet kontra Gzira U. (3-1) u Birkirkara (3-0) għal total ta' punt wieħed biss.

**HIBERNIANS (2)** - Ġew miżmuma fi draw minn Hamrun Spartans (3-3) filwaqt li għelbu lil Sliema W. (2-1) u lil Mosta (4-0) għal total ta' 7 punti.

**MOSTA (11)** - Sofrew tliet telfiet kbar - kontra Balzan (7-1), Valletta (4-0) u Hibernians (4-0) biex ma kisbu l-ebda punt.

**PEMBROKE ATHLETA (12)** - Sofrew tliet telfiet kontra Floriana (2-0), Balzan (5-2) u Valletta (4-0) biex ma rebħu l-ebda punt.

**SLIEMA WANDERERS (6)** - Irreġistraw rebħa waħda, dik kontra Gzira U. (1-0) wara li sofrew żewġ telfiet konsekuttivi kontra Valletta (3-1) u Hibernians (2-1), għal total ta' 3 punti.

**ST ANDREW'S (8)** - ħadu żewġ draws kontra Birkirkara (2-2) u Floriana (1-1) u għelbu lil Tarxien R. (1-0), biex irreġistraw ħames punti.

**TARXIEN RAINBOWS (7)** - Sofrew tliet telfiet bl-iskor identiku ta' 1-0 kontra Gzira U., Birkirkara u St Andrews', biex, bħal Mosta u Pembroke A., ma kisbu l-ebda punt.

**VALLETTA (3)** - Irreġistraw tliet rebħiet li waslu kontra Sliema W. (3-1), Mosta (4-0) u Pembroke A. (4-0) fejn skorjaw 11-il goal u sofrew wieħed biss, għal total ta' 9 punti.

# KAMPJONAT PREMIER

## III Round

**Logħba Nru 133 -24.02.2017 - 18.00 hrs**

**Balzan** 7
A. Effiong 33, B. Kaljevic 43, 62 M. Piciollo 55, A. Da Silva Souza 72, L. Micallef 76, 88

**Mosta** 1
V. L. Oseghale 21

HT 2-1 **National Stadium**

**Balzan** – 32-Ivan Janjusevic, 16-Clive Brincat, 10-Dylan Grima, 86-Bojan Kaljevic, 18-Anderson De Barros, 6-Ryan Fenech (20-Terence Agius 76), 42-Alan da Silva Souza, 9-Matteo Piciollo, 23-Elkin Orlando Serrano Valero, 99-Milos Lepovic (11-Steve Bezzina 66), 17-Alfred Effiong (7-Lydon Micallef 71)
Coach – Oliver Spiteri
**Mosta** – 26-Andreas Vella, 11-Kurt Magro, 4-Mario Toth, 23-Francis Chinatu Onwudinyo, 30-Miranda Heron (9-Jean Pierre Mifsud Triganza 63), 15-Adrian Caruana, 33-Josue Ahoure (2-Jurgen Grech 73), 45-Romero Cesar (21-Neil Frendo 85), 20-Victor Lucky Oseghale, 77-Zachary Brincat, 6-David Fenech
Coach – Zsolt Hornyak
Referee – Mario Apap
Assistenti – Edward Spiteri, Thomas Debono
Raba' Uff. – Eman Grech
Ammoniti – M. Lepovic, R. Fenech (B)

## III Round

**Logħba Nru 134 - 24.02.2017 - 20.00 hrs**

**Valletta** 3
M. L. Velasco 64, 67, U. Uchenna Calistus 79

**Sliema Wanderers** 1
M. Scerri 63

HT 0-0 **National Stadium**

**Valletta** – 29-Dziugas Bartkus, 2-Jonathan Caruana, 4-Steve Borg, 8-Santiago Malano (18-Shaun Dimech 90), 21-Llywelyn Cemona (11-Luke Montebello 72), 23-Claudio Pani, 24-Umeh Uchenna Calistus, 25-Leandro Aguirre, 27-Maximiliano Lejandro Velasco (15-Russell Fenech 84), 42-Rowen Muscat, 90-Romeu Pericles Romao
Coach – Paul Zammit
**Sliema W.** –25-Giuseppe Sarao, 2-Alex Muscat, 14-Frank Temile, 33-Stefano Bianciardi, 10-Gabriel Aquilina (11-Salomon Wisdom 80), 6-Jonathan Pearson, 3-Denni Rocha Dos Santos (16-Michele Sansone 88), 7-John Mintoff (21-Ryan Spiteri 65), 8-Mark Scerri, 13-Leonardo Incorvaia, 30-Jean Paul Farrugia
Coach – John Buttigieg
Referee – Alan Mario Sant
Assistenti – Alan Camilleri, Paul Apap
Raba' Uff. – Philip Farrugia
Ammoniti – J. Caruana, S. Borg (V)

## III Round

**Logħba Nru 135 - 25.02.2017 - 14.00 hrs**

**Birkirkara** 2
M. A. Alba 8 pen., G. Malan 27

**St Andrew's** 2
K. Nwoko 18, 50

HT 1-2 **National Stadium**

**Birkirkara** – 1-Henry Bonello, 4-Gareth Sciberras, 10-Srdan Dimitrov (8-Edmond Agius 84), 14-Vito Plut (13-Matteo Desira Buttigieg 76), 15-Nikola Vukanac, 20-Miguel Angel Alba, 21-Ryan Scicluna, 22-Cain Attard, 23-Predrag Jovic, 24-Gonzalo Malan, 32-Gary Muir (2-Edward Herrera 63)
Coach – Nikola Jaros
**St Andrew's** – 22-Jake Galea, 2-Enmy Pena Beltre, 15-Michael Johnson, 5-Bong Won Che, 16-Karlo Kesinovic, 8-Aidan Friggieri (19-Daniel Brandle 72), 25-Nenad Belagevic, 11-Joseph Farrugia, 7-Ziga Kastrevec (17-Jacob Walker 90), 10 Ivan Edgardo Paz, 14-Kyrian Nwoko (3-Godwin McKay 82)
Coach – Danilo Doncic
Referee – Eman Grech
Assistenti – Luke Portelli, William Debattista
Raba' Uff. – Mario Apap
Ammoniti – R. Scicluna, P. Jovic, G. Malan, E. Agius (B), J. Farrugia (SA)
Tkeccew – R. Scicluna 70 (B) u E. Pena Beltre 70 (S)

## III Round

**Logħba Nru 136 - 25.02.2017 - 14.00 hrs**

**Gzira United** 1
M. Avila Perez 83

**Tarxien Rainbows** 0

HT 0-0 **Hibernians Stadium**

**Gzira U.** – 94-Jurgen Borg, 23-Jacob Borg (78-Ige Abdullahi Adeshina 81), 13-Clifford Gatt Baldacchino, 25-Souleymane Diamoutene, 3-Ian Azzopardi, 11-Juan Carlos Corbalan, 69-Louis Rene Zome (19-Carlos Alejandro Reyna 68), 14-Moises Avila Perez, 8-Zachary Scerri, 10-Andrew Cohen (16-Karl Pulo 90), 5-Gianmarco Conti
Coach – Darren Abdilla
**Tarxien R.** – 1-Andrea Cassar, 2-Ebiabowei Baker, 5-Emerson Marcelina, 7-Triston Caruana (16-Sergio Fernandez Prendes 64), 8-Daniel Ponce De Leon Garcia (11-Dylan Micallef 77), 9-Alex Nilsson, 10-Ayrton Azzopardi (6-Julian Galea 64), 23-Sasha Borg, 17-Daniel Zerafa, 18-Alex Da Paixao Alves, 21-Kurt Zammit
Coach – Jesmond Zerafa
Referee – Fyodor Zammit
Assistenti – Jurgen Spiteri, Sammy Attard
Raba' Uff. – Stefan Pace
Ammoniti – M. Avila Perez (GU), E. Marcelina, A. Da Paixao Alves (2), A. Azzopardi, S. Borg (TR)
Tkecca – A. Da Paixao Alves 77 (TR)

## III Round

**Logħba Nru 137 - 25.02.2017 - 16.00 hrs**

**Floriana** 2
I. Valera 10, E. Ruiz 76

**Pembroke Athleta** 0

HT 1-0 **Hibernians Stadium**

**Floriana** – 4-Matthew Grech, 2-Andre Scicluna, 4-Antonio Monticelli, 6-Enzo Ruiz, 8-Clyde Borg, 9-Ignacio Varela (25-Denilson Borg Castaldi,90), 10-Sebastian Nayar, 11-Maurizio Vella (7-Steve Pisani 55), 17-Jurgen Pisani, 80-Nicolas Chiesa (18-Darell Baldacchino 89), 89-Mario Fontanella
Coach – Giovanni Tedesco
**Pembroke A.** – 1-Matthew Calleja Cremona, 7-Panagiotis Giannopoulos (17- Sunday Eboh 80), 29-Raphael Kooh Sohna, 5-Owen Buegja, 14-Dia-nane Jawad, 20-Adrian Borg, 10-Paltemio Barbetti (15-Tyron Fenech 82), 77-Iraklis Roppas, 18-Go Nagaoka (8-Daren Falzon 62), 23-Tonci Radovnikonvic, 11-Brooke Farrugia
Coach – Artim Shaqiri
Referee – Etienne Mangion
Assistenti – Alan Camilleri, Christopher Francalanza
Raba' Uff. – Alan Mario Sant
Ammoniti – P. Barbetti, R. Kooh Sohna, B. Farrugia, P. Giannopoulos, O. Bugeja (PA); I. Varela (F)

## III Round

**Logħba Nru 138 - 25.02.2017 - 16.00 hrs**

**Hibernians** 3
J. Degabriele 5, 55, Gilmar Ribeiro 22

**Hamrun Spartans** 3
B. Paiber 9 pen, Leandro Dos Santos 19, M. Giusti 68

HT 2-2 **National Stadium**

**Hibernians** – 1-Andrew Hogg, 8-Rodolfo Soares, 9-Marcelo Dias, 7-Jackson Lima De Siqueira, 11-Bjorn Kristensen, 13-Clayton Failla, 19-Johann Bezzina (14-Montell Moore 67), 23-Jorge Da Silva Pereira, 5-Dejan Boljevic, 10-Jurgen Degabriele, 31-Gilmar Da Silva Ribeiro
Coach – Mark Miller
**Hamrun S.** – 1-Batusila Kambala, 30-Karl Micallef, 6-Luke Grech, 33-Sergio Raphael Dos Anjos, 2-Philip Chircop, 95-Massimiliano Giusti, 99-Saturday Nanapere (20-Daniel Debono 90), 77-Igor Misan, 22-Brandon Paiber (94-Mathieu Manset 83), 9-Manolito Micallef, 8-Leandro Motta Dos Santos (7-Siraj Eddin Arab 78)
Coach – Jacques Scerri
Referee – Kridens Meta (Albanija)
Assistenti – Emigers Ganci, Nertil Bregasi (Albanija)
Raba' Uff. – Juxhin Xhaja (Albanija)
Ammoniti – R. Soares (H), I. Misan (HS)

## III Round

**Logħba Nru 139 - 04.03.2017 - 14.00 hrs**

**Hamrun Spartans** 1
P. Chircop 5

**Gzira United** 3
L. R. Zome 43, C. A. Reyna 80, Jacob Borg 90

HT 1-1 **National Stadium**

**Hamrun S.** – 12-Kambala Batusila, 30-Karl Micallef, 6-Luke Grech, 4-Christian Emeka Anigbogu, 2-Philip Chircop (27-Jorge Mesque Noto 25), 95 Massimiliano Giusti, 99 Saturday Nanapere (7-Siraj Eddin Arab 60), 77-Igor Misan, 22-Brandon Paiber, 9-Manolito Micallef (10-Jake Grech 56), 8-Leandro Motta Dos Santos
Coach – Jacques Scerri
**Gzira U.** – 94-Jurgen Borg, 23-Jacob Borg, 13-Clifford Gatt Baldacchino, 25-Souleymane Diamoutene, 3-Ian Azzopardi, 11-Juan Carlos Corbolan (16-Karl Pulo 90), 69-Louis Rene Zome, 78-Ige Abdullai Adeshina (44-Antonio De Queiroz Machedo Neto 84), 8-Zachary Scerri, 10-Andrew Cohen, 5-Gianmarco Conti (19-Carlos Alejandro Reyna 74)
Coach – Darren Abdilla
Referee – Malcolm Spiteri
Assistenti – Edward Spiteri, Chris Azzopardi
Raba' Uff. – Trustin Farrugia Cann
Ammoniti – C. E. Anigbogu (H)

## III Round

**Logħba Nru 140 - 04.03.2017 - 14.00 hrs**

**St Andrew's** 0

**Floriana** 0

**Hibernians Stadium**

**St Andrew's** – 22-Jake Galea, 15-Michael Johnson, 16-Karlo Kesinovic, 5-Bong Won Che, 7-Ziga Kastrevec, 3-Godwin McKay (13-Felix Udoh, 73), 11-Joseph Farrugia, 25-Nenad Belacevic, 8-Aidan Friggieri (19-Daniel Brandle, 90), 10-Ivan Paz, 14-Kyrian Nwoko (18-Ryan Darmanin, 90)
Coach – Danilo Doncic
**Floriana** – 24-Matthew Grech, 2-Andre Scicluna, 4-Antonio Monticelli, 6-Enzo Ruiz, 7-Steve Pisani, 9-Ignacio Varela, 11-Maurizio Vella (89-Mario Fontanella, 58), 17-Jurgen Pisani, 77-Amadou Samb, 80-Nicolas Chiesa (8-Clyde Borg, 58), 94-Ryan Camenzuli
Coach – Giovanni Tedesco
Referee – Genc Nuza (Kosovo)
Assistenti – Besnik Morina, Selami Haziri (Kosovo)
Raba' Uff. – Besfort Kasuma (Kosovo)
Ammoniti – S. Pisani, A. Scicluna, R. Camenzuli (F), N. Belacevic, G. Mckay, Joseph Farrugia (SA)

## III Round

**Logħba Nru 141 - 04.03.2017 - 16.00 hrs**

**Sliema Wanderers** 1
A. Muscat 61 pen

**Hibernians** 2
J. Degabriele 7, B. Kristensen 34

HT 0-2 **National Stadium**

**Sliema W.** – 25-Giuseppe Sarao, 33-Alex Muscat, 14-Frank Temile, 33-Stefano Bianciardi, 11-Salomon Wisdom, 6-Jonathan Pearson (21-Ryan Spiteri 86), 7-John Mintoff, 23-Ricardo Calixto Correa Duarte, 8-Mark Scerri, 13-Leonardo Incorvaia (30-Jean Paul Farrugia 46), 10-Gabriel Aquilina (4-Matias Muchardi 73)
Coach – John Buttigieg
**Hibernians** – 1-Andrew Hogg, 8-Rodolfo Soares, 9-Marceo Dias, 7-Jackson Lima, 11-Bjorn Kristenesen, 13-Clayton Failla, 31-Gilmar Ribeiro Da Silva (14-Montell Moore 81), 5-Dejan Boljevic (19-Johann Bezzina 68), 23-Jorge Pereira Da Silva, 10-Jurgen Degabriele (4-Dunstan Vella 77), 20-Andrei Agius
Coach – Mark Miller
Referee – Glen Tonna
Assistenti – Duncan Sultana, Peter Abela
Raba' Uff. – Alan Mario Sant
Ammoniti – C. Failla (H), C. Correa Duarte, G. Aquilina, M. Scerri (SW)

## III Round

**Logħba Nru 142 - 04.03.2017 - 16.00 hrs**

**Tarxien Rainbows** 0

**Birkirkara** 1
M. A. Alba 45

HT 0-1 **Hibernians Stadium**

**Tarxien R.** – 12-Philip Schranz, 2-Ebiabowei Baker, 5-Emerson Marcellina, 7-Triston Caruana, 8-Daniel Ponce De Leon Garcia, 9-Alex Nilsson, 10-Ayrton Azzo-pardi (11-Dylan Micallef, 77), 14-Andrew Agius (6-Julian Galea, 63), 17-Daniel Zerafa, 19-Matthew Tabone (23-Sacha Borg, 79), 21-Kurt Zammit
Coach – Jesmond Zerafa
**Birkirkara** – 1-Henry Bonello, 2-Edward Herrera (27-Steven Bonnici, 90), 4-Gareth Sciberras, 8-Edmond Agius (29-James Brincat, 90), 10-Srdan Dimitrov, 15-Nikola Vukanac, 19-Joseph Zerafa, 20-Miguel Angel Alba, 22-Cain Attard, 23-Pedrag Jovic, 24-Gonzalo Malan (14-Vito Plut, 86)
Coach – Nikola Jaros
Referee –Clayton Pisani
Assistenti – Jurgen Spiteri, Thomas Debono
Raba' Uff. – Stefan Pace
Ammoniti – M. A. Alba, P. Jovic, C. Attard (B); A. Nilsson, Andrew Agius (TR)

## III Round

**Logħba Nru 143 - 05.03.2017 - 14.00 hrs**

**Pembroke Athleta** 2
G. Nagaoka 17, D. Falzon 90

**Balzan** 5
A. Da Silva Souza 11, 42, 60, B. Kaljevic 65, M. Piciollo 74

HT 1-2 **National Stadium**

**Pembroke A.** – 12-Fredrick Tabone, 6-Miguel Attard (13-Zachary Grech 66), 8-Daren Falzon, 7-Panagiotis Giannopoulos, 29-Raphael Kooh Sona, 4-Zoran Levnaic, 14-Danian Jawad, 77-Iraklis Roppas, 18-Go Nagaoka (15-Tyron Fenech 75), 23-Tonci Radovnikovic, 17-Sunday Eboh
Coach – Artim Shaqiri
**Balzan** – 1-Christian Cassar, 16-Clive Brincat (4-Justin Grioli 70), 5-Samir Arab, 86-Bojan Kaljevic, 18-Anderson De Barros, 11-Steve Bezzina, 42-Alan Da Silva Souza (30-Abdelkarim Nafti 63), 9-Matteo Piciollo, 23-Elkin Orlando Serrano Valero, 8-Paul Fenech, 17-Alfred Effiong (7-Lydon Micallef 69)
Coach – Oliver Spiteri
Referee – Stefan Pace
Assistenti – Paul Apap, Dusan Petrovic
Raba' Uff. – Fyodor Zammit
Ammoniti – Z. Levnaic (PA), C. Brincat (B)

## III Round

**Logħba Nru 144 - 05.03.2017 - 16.00 hrs**

**Mosta** 0

**Valletta** 4
M. L. Velasco 37, 69, L. Montebello 43, 83

HT 0-2 **National Stadium**

**Mosta** – 1-Yenz Cini, 15-Adrian Caruana, 5-Mario Toth, 22-Tyrone Farrugia, 23-Francis Chinatu, 11-Kurt Magro, 6-David Fenech, 10-Njongo Priso, 20-Victor Lucky Oseghale (18-Kemmau Jackson 58), 27-Pedro Dos Santos Calcado (8-Kyle Frendo 77), 19-Jean Pierre Mifsud Triganza (35-Cesar Romero 46)
Coach – Zsolt Hornyak
**Valletta** – 29-Dziugas Bartkus, 5-Ryan Camilleri, 8-Santiago Malano (22-Nicholas Pulis 84), 16-Jean Borg, 21-Llywelyn Cremona, 23-Claudio Pani, 24-Umeh Uchenna Calistus, 25-Leandro Aguirre, 27-Maximiliano Lejandro Velasco (9-Michael Mifsud 74), 42-Rowen Muscat (11-Luke Montebello 34), 90-Romeu Pericles Romao
Coach – Paul Zammit
Referee – Trustin Farrugia Cann
Assistenti – Jurgen Spiteri, Luke Portelli
Raba' Uff. – Mario Apap
Ammoniti – D. Fenech, C. Romero (M)

# Min Qed Jiskorja

**19** - Bojan Kaljevic (Balzan).

**12** - Jurgen Degabriele (Hibernians).

**11** - Jake Grech (Hamrun S.).

**10** - Mario Fontanella (Floriana).

**9** - Vito Plut (Birkirkara).

**8** - Srdan Dimitrov (Birkirkara); Enrico Chiesa, Ignacio Valera (Floriana); Alex Nilsson (Tarxien R.).

**7** - Alan da Silva Souza, Matteo Piciollo (Balzan); Jean Paul Farrugia (Sliema W.); Jhonnattan Benites de Conceicao (Valletta).

**6** - Massimiliano Giusti (Hamrun S.); Bjorn Kristensen (Hibernians); Frank Temile, 5 għal Birkirkara (Sliema W.).

**5** - Amadou Samb (Floriana); Haruna Garba (Hamrun S.); Jorge Pereira da Silva (Hibernians); Njongo Priso (Mosta); Daniel Ponce de Leon Garcia (Tarxien R.); Federico Falcone, Luke Montebello, Maximiliano Velasco (Valletta).

**4** - Alfred Effiong, Abdelkarim Nafti (Balzan); Jean Pierre Mifsud Triganza (Hamrun S.); Juan Carlos Corbolan (Gzira U.); Clayton Failla, Gilmar Ribeiro dos Santos, Jorge Pereira da Silva (Hibernians); Victor Lucky Oseghali (Mosta); Alex Muscat, Denni Rocha dos Santos, Salomon Wisdom (Sliema W.); Joseph Farrugia (St Andrew's); Alex de Paixo Alves, Julian Galea (Tarxien R.); Leandro Aguirre, Uchenna Umeh (Valletta).

**3** - Paul Fenech, Lydon Micallef (Balzan); Edward Herrera (Birkirkara); Enzo Ruiz (Floriana); Andrew Cohen, 1 għal Hibernians, Ellinton Morais, Antonio Macheda de Queiroz, Louis Rene Zome (Gzira U.); Jorge Mesqueu Neto (Hamrun S.); Jackson Lima Sequero, Rodolfo Soares (Hibernians); David Reid (Mosta); Ziga Kostrevec, Enmy Pena Beltre, Michael Johnson, Kyrian Nwoko, Ivan Paz, 1 għal Gzira U. (St Andrew's); Triston Caruana (Tarxien R.); Michael Mifsud, Santiago Malano (Valletta).

**2** - Miguel Angel Alba, Mislav Andelkovic, Cain Attard, James Brincat, Christian Bubalovic, Gonzalo Malan, Gareth Sciberras, Ryan Scicluna (Birkirkara); Ryan Camenzuli (Floriana); Brandon Palber (Hamrun S.); Ian Azzopardi, 1 għal Valletta, Moises Avila Perez (Gzira U.); Patrick Texeira Maia (Hamrun S.); Momodou Jallow (Hibernians); Adrian Borg, Asani Djelili, Jhonatan Bernardo Mariano, Darren Falzon (Pembroke A.); Marko Potezika (Sliema W.); Karlo Kesinovic, Godwin McKay, Ivan Paz, 1 għal Gzira U. (St Andrew's); Ebiabowei Baker (Tarxien R.); Llywelyn Cremona, 1 għal Pembroke A. (Valletta).

**1** - Terence Agius, Samir Arab, Anderson de Barros, Bruno Giglio de Oliveira, Elkin Serrano Valero (Balzan); Matteo Desira Buttigieg, Matthew Guillaumier, Predrag Jovic, Nikola Vukanac (Birkirkara); Sebastian Nayar, Jurgen Pisani, Steve Pisani, Maurizio Vella (Floriana); Ige Abdullahi Adeshina, Jacob Borg, Souleymane Diamoutene, Ricardo Correa, Carlos Reyna, Joceano da Silva Santos, Roberto de Pinho de Souza, Yanis Tonna (Gzira U.); Philip Chircop, Leandro Motta dos Santos (Hamrun S.); Johann Bezzina, Jonathan Pearson, Juan Manuel Varea (Hibernians); Zachary Brincat, Maret Vlcek (Mosta); Paltemio Barbetti, Arber Dhrami, Daniane Jawad, Zoran Levnaic, Borche Manevski, Mano Micallef, Go Nagaoko, Stefan Racic, Raphael Kooh Sohna (Pembroke A.); Gabriel Aquilina, Armando Veira dos Santos, Mark Scerri, Ryan Spiteri (Sliema W.); Ryan Darmanin, Aiden Friggieri, Jacob Walker (St Andrew's); Claudio Frances, Sergio Fernandez Prendes, Matthew Tabone, Daniel Zerafa (Tarxien R.); Jean Borg, Tomas Redzinevicius, Roderick Briffa, Romeo Romao (Valletta).

**Auto-Goals (15)** - Brandon Muscat (Pembroke A.) v Floriana 1-2; Ryan Camilleri (Valletta) v Sliema W. 2-1; Steve Bezzina (Balzan) v Pembroke A. 2-1; Andrei Agius (Hibernians) v Pembroke A. 2-1; Christian Maldini (Hamrun S.) v Sliema W. 0-3; Steve Bezzina (Balzan) v Birkirkara 0-3; Emerson Vella (Mosta) v Pembroke A. 0-3; Luca Martinelli (Mosta) v Pembroke A. 0-3; Matthew Tabone (Tarxien R.) v Birkirkara 1-3; Enzo Ruiz (Floriana) v Balzan 3-1; Jackson Lima Sequeiro (Hibernians) v Balzan 1-2; Philip Ciantar (Hamrun S.) v Tarxien R. 2-3; Marko Potezika (Sliema W.) v Hamrun S. 1-2; Alex Cini (Floriana) v Sliema W. 1-3; Heron Miranda (Mosta) 0-4 v Hibernians.




# KAMPJONAT PREMIER

## III Round

**Logħba Nru 145 - 11.03.2017 - 14.00 hrs**

**Valletta** 4

L. Montebello 26, M. A. Velasco 56, U. Uchenna Calistus 73, M. Mifsud 83

**Pembroke Athletic** 0

**HT 1-0 National Stadium**

**Valletta** – 29-Dziugas Bartkus, 2-Jonathan Caruana (10-Roderick Briffa 76), 4-Steve Borg, 5-Ryan Camilleri, 8-Santiago Malano, 11-Luke Montebello (9-Michael Mifsud 72), 16-Jean Borg, 23-Claudio Pani (21-Llywelyn Cremona 20), 24-Umeh Uchenna Calistus, 27-Maximiliano Alejandro Velasco, 84-Valdo Goncalves Alhinho

Coach – Paul Zammit

**Pembroke A.** – 27-Matthew Calleja Cremona, 5-Owen Bugeja (15-Tyron Fenech 12), 94-Stevan Racic, 4-Zoran Levnaic, 14-Daniane Jawad, 18-Go Nagaoka, 23-Tonci Radovnikovic, 28-Joseph Okonkwo, 11-Brooke Farrugia (8-Daren Falzon 71), 17-Sunday Eboh, 77-Iraklis Roppas

Coach – Artim Shaqiri

Referee – Philip Farrugia

Assistenti – Alan Camilleri, Chris Francalanza

Raba' Uff. – Malcolm Spiteri

Ammoniti – M. Calleja Cremona, S. Eboh (PA); L. Cremona (V)

## III Round

**Logħba Nru 146 - 11.03.2017 - 14.00 hrs**

**Gzira United** 0

**Sliema Wanderers** 1

G. Aquilina 88

**HT 0-0 Hibernians Stadium**

**Gzira U.** – 94-Jurgen Borg, 23-Jacob Borg, 13-Clifford Gatt Baldacchino, 25-Souleymane Diamoutene, 3-Ian Azzopardi, 11-Juan Carlos Corbalan (19-Carlos Alejandro Reyna, 69), 69-Louis Rene Zome, 14-Moises Avila Perez, 8-Zachary Scerri, 10-Andrew Cohen (78-Ige Abdullah Adeshina, 88), 5-Gianmarco Conti (44-Antonio De Queiroz Machedo Neto, 69)

Coach – Darren Abdilla

**Sliema W.** – 25-Giuseppe Sarao, 2-Alex Muscat, 14-Frank Temile (21-Ryan Spiteri, 77), 3-Denni Dos Santos, 11-Wisdom Salomon (16-Michele Sansone, 83), 6-Jonathan Pearson, 7-John Mintoff (4-Matias Muchardi, 62), 23-Ricardo Calixto Correa Duarte, 30-Jean Paul Farrugia, 13-Leonardo Incorvaja, 10-Gabriel Aquilina

Coach – John Buttigieg

Referee – Mario Apap

Assistenti – Duncan Sultana, William Debattista

Raba' Uff. – Thomas Debono

Ammoniti – C. Gatt Baldacchino, I. Azzopardi, A. Cohen (GU); D. Dos Santos (SW)

## III Round

**Logħba Nru 147 - 11.03.2017 - 16.00 hrs**

**Hibernians** 4

G. Da Silva Ribeiro 8, 52, J. Pereira Da Silva 21, B. Kristensen 31

**Mosta** 0

**HT 3-0 National Stadium**

**Hibernians** – 1-Andrew Hogg, 8-Rodolfo Soares, 5-Dejan Boljevic, 9-Marcelo Dias (4-Dunstan Vella 80), 7-Jackson Lima, 13-Clayton Failla (14-Montell Moore 59), 11-Bjorn Kristensen, 23-Jorge Pereira Da Silva (19-Johann Bezzina 68), 10-Jurgen Degabriele, 31-Gilmar Ribeiro Da Silva, 20-Andrei Agius

Coach – Mark Miller

**Mosta** – 1-Yenz Cini, 5-Mario Toth, 8-Kyle Frendo, 10-Njongo Priso (14-Kemar Reid 75), 15-Adrian Caruana, 77-Zachary Brincat (18-Kemmu Dragan Jackson 66), 23-Francis Chinatu Onwudinyo, 6-David Fenech, 22-Tyrone Farrugia, 35-Heron Guilhermino Miranda (21-Neil Frendo 60), 33-Cesar Romero

Coach – Zsolt Hornyak

Referee – Etienne Mangion

Assistenti – Luke Portelli, Chris Azzopardi

Raba' Uff. – Trustin Farrugia Cann

Ammoniti – F. Chinatu Onwudinyo (M)

## III Round

**Logħba Nru 148 - 11.03.2017 - 16.00 hrs**

**St Andrew's** 1

M. Johnson 45

**Tarxien Rainbows** 0

**HT 1-0 Hibernians Stadium**

**St Andrew's** – 22-Jake Galea, 5-Bong Won Che, 15-Michael Johnson, 16-Karlo Kesinovic, 13-Felix Udoh, 25-Nenad Belacevic (18-Ryan Darmanin, 90), 10-Ivan Paz, 9-Ziga Kastrevic, 11-Joseph Farrugia, 7-Aidan Friggieri (17-Jacob Walker 81), 14-Kyrian Nwoko (4-Dale Camilleri 73)

Coach – Danilo Doncic

**Tarxien R.** – 12-Philip Schranz,2-Ebiabowei Baker, 5-Emerson Marcellina, 7-Triston Caruana (11-Dylan Micallef 63), 8-Daniel Ponce (6-Julian Galea 68), 9-Alex Nilsson, 14-Andrei Agius (10-Ayrton Azzopardi 57), 17-Daniel Zerafa, 18-Alex de Paixao Alves, 19-Matthew Tabone, 23-Sacha Borg

Coach – Jesmond Zerafa

Referee – Sandro Spiteri

Assistenti – Edward Spiteri, Ryan Aquilina

Raba' Uff. – Clayton Pisani

Ammoniti – M. Johnson, S, Borg (SA)

## III Round

**Logħba Nru 149 - 12.03.2017 - 14.00 hrs**

**Floriana** 0

**Balzan** 2

E. O. Serrano Valero 11, A. De Barros 33

**HT 0-2 National Stadium**

**Floriana** – 22-Matthew Grech, 5-Enrico Pepe, 6-Enzo Ruiz, 8-Clyde Borg (18-Zack Camilleri 78), 9-Ignacio Varela, 11-Maurizio Vella (94-Ryan Camenzuli 40), 17-Jurgen Pisani, 22-Alex Cini, 77-Amadou Samb (2-Andrè Sciciuna 45), 80-Nicolas Chiesa, 89-Mario Fontanella

Coach – Giovanni Tedesco

**Balzan** – 32-Ivan Janjusevic, 10-Dylan Grima (7-Lydon Micallef 87), 50-Bruno Giglio De Oliveira, 86-Ryan Fenech, 6-Steve Bezzina, 42-Alan Da Silva Souza (4-Justin Grioli 78), 9-Matteo Piciollo (17-Alfred Effiong 63), 23-Elkin Orlando Serrano Valero, 8-Paul Fenech, 18-Anderson De Barros

Coach – Oliver Spiteri

Referee – Alan Mario Sant

Assistenti – Jurgen Spiteri, Paul Apap

Raba' Uff. – Peter Abela

Ammoniti – A. Da Silva Souza, M. Piciollo (B), I. Varela (F)

## III Round

**Logħba Nru 150 - 12.03.2017 - 16.00 hrs**

**Birkirkara** 3

G. Malan 35, C. Bubalovic 60, S. Dimitrov 89

**Hamrun Spartans** 0

**HT 1-0 National Stadium**

**Birkirkara** – 1-Henry Bonello, 2-Edward Herrera (21-Ryan Scicluna 80), 3-Christian Bubalovic, 4-Gareth Sciberras, 7-Mislav Andelkovic, 8-Edmond Agius (10-Srdan Dimitrov 84) , 15-Nikola Vukanac, 19-Joseph Zerafa, 20-Miguel Angel Alba, 22-Cain Attard, 24-Gonzalo Malan (18-Jhon Adolfo Obregon Quinones 69)

Coach – Nikola Jaros

**Hamrun S.** – 1-David Cassar, 4-Christian Emeka Anigbogu, 9-Manolito Micallef, 30-Karl Micallef, 7-Siraj Eddin Arab (20-Daniel Debono 79), 6-Luke Grech, 77-Igor Misan, 22-Brandon Diego Paiber, 99-Saturday Nanapere, 95-Massimiliano Giusti (8-Leandro Wallace Motta Dos Santos 66), 15-Luke Sciberras (94-Mathieu Manset 66)

Coach – Jacques Scerri

Referee – Glen Tonna

Assistenti – Sammy Attard, Dusan Petrovic

Raba' Uff. – Eman Grech

Ammoniti – H. Bonello, J. Zerafa, G. Malan (B)







## KIF JINSABU

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Balzan | 25 | 16 | 6 | 3 | 54 | 28 | 54 |
| Hibernians | 25 | 16 | 5 | 4 | 44 | 23 | 53 |
| Valletta | 25 | 14 | 8 | 3 | 42 | 17 | 50 |
| Birkirkara | 25 | 13 | 5 | 7 | 47 | 23 | 44 |
| Floriana | 25 | 12 | 7 | 6 | 41 | 26 | 43 |
| Sliema W. | 25 | 10 | 4 | 11 | 31 | 32 | 34 |
| Tarxien R. | 25 | 7 | 8 | 10 | 31 | 32 | 29 |
| St Andrew's | 25 | 6 | 9 | 10 | 28 | 36 | 27 |
| Hamrun S. | 25 | 8 | 3 | 14 | 36 | 49 | 27 |
| Gzira U. | 25 | 7 | 4 | 14 | 27 | 39 | 25 |
| Mosta | 25 | 4 | 4 | 17 | 17 | 55 | 16 |
| Pembroke A. | 25 | 3 | 5 | 17 | 22 | 60 | 14 |

** Mosta ngħataw rebħa ta' 3-0 fuq Pembroke A. wara protest*

*Fuq nett*

**Darren Falzon (Pembroke A.) bil-pussess tal-ballun kontra Balzan**

*Fin-Nofs*

**Franke Temile (Sliema W.) segwit minn Rodolfo Soares (Hibernians)**

*Isfel*

**Taqtiegħa għall-ballun bejn Mark Scerri (Sliema W.) u Rowen Muscat (Valetta)**




# U*BET tippreżenta l-aqwa avvenimenti ta' dan l-istaġun

Illum, is-Sibt 25 ta' Marzu hija ġurnata importanti fix-xena tat-tiġrijiet taż-żwiemel hekk kif jiġi organizzat wieħed mill-ikbar avvenimenti sportivi fil-kalendarju annwali tat-tiġrijiet taż-żwiemel. Qed nirreferu għad-Dubai World Cup li ser issir ġewwa t-trakka ta' Meydan f'Dubai.

Dan l-avveniment li huwa magħruf bħala l-aktar sinjur fid-dinja, jinkludi disa' tiġrijiet prestiġjużi tal-ogħla klassi. Id-dilettanti taż-żwiemel ser ikollhom ix-xorti li jsegwu sitt tiġrijiet minn Grupp 1 u tliet tiġrijiet minn Grupp 2.

Id-Dubai World Cup hija mżewqa b'ċerimonja kif ukoll b'kunċert mużikali. Il-kantanta Awstraljana tal-POP, Sia, li ħarġet diski famużi bħal 'Cheap Thrills' u 'Chandelier', mistennija tiftaħ it-22 edizzjoni tad-Dubai World Cup b'kunċert ta' 70 minuta.

Għal darb'oħra U*BET se tkun qed tonora l-appuntament annwali tagħha u toffri dan l-avveniment daqstant prestiġjuż lill-ġukaturi tagħha li għal sena oħra se jkunu jistgħu jipparteċipaw u jilagħbu fuq dawn it-tiġrijiet.

L-ispettaklu tad-Dubai World Cup li huwa vvalutat madwar $30 miljun mistenni li jgħolli s-separju għal-ħabta ta' 12.00 pm hekk kif jinfetħu l-bibien tat-trakka filwaqt li fl-3.45 pm jibda l-programm ta' tiġrijiet, bl-ewwel tiġrija, u li jibqa' sejjer sad-8.45 pm.

Il-favorit ewlieni għat-titlu ta' din is-sena huwa ż-żiemel Amerikan "Arrogate" meqjus bħala l-aqwa żiemel tal-mument u ċ-champion renjanti tal-Pegasus World Cup.

**Apparti dan, U*BET tistedinkom iżżuru l-ħwienet tagħha hekk kif id-dinja sportiva ser tkun qed tospita diversi avvenimenti importanti oħra matul ix-xahar ta' April fosthom:**

- Il-Kwarti Finali tad-Davis Cup;
- L-ewwel u t-tieni leg tal-kwarti Finali taċ-Champions League;
- L-ewwel u t-tieni leg tal-kwarti Finali tal-Europa League;
- Il-bidu tal-istaġun tat-tlielaq bl-ewwel ċirkwiti jkunu l-Awstralja segwita mil-Gran Prix fiċ-Ċina u l-Bahrain fil-Formula1;
- L-iSnooker World Championship.






# L-EWWEL DIVIŻJONI

# Tiħrax it-taqtiegħa għall-promozzjoni



Qormi vs Naxxar Lions

Ritratt: Alan Saliba

**24.02.2017**

**Centenary Stadium**

Melita v Qormi .............................. 1-1

Brandon Grech (Q); Alan Borg Olivier (M)

**25.02.2017**

**Victor Tedesco Stadium**

Zebbug R.v Naxxar L............... 2-4

Yuri de Jesus Messias 2, Jurgen Debono, Lorenzo Andriuoli (NL); Tomislav Trebovac, Demba Toure (ZR)

Mqabba v Għargħur ............... 3-0

Arilson Mello da Silva 2, Lyden Micallef (M)

**26.02.2017**

**Centenary Stadium**

Lija A. v Vittoriosa S.................. 2-2

Paolo Dandolo, Patrick Borg (L)A; Obinna Obiefule 2 (VS)

Senglea A. v Sirens.................. 6-1

Juninho Cabral 4, Ryan Dalli, Terence Vella (SA); Miguel Ciantar (S)

**Victor Tedesco Stadium**

Pietá H.v Fgura U. ...................... 2-1

Gabriel Mensah, James Scicluna (PH); Cleavon Frendo (FU)

Marsa v Rabat A. ......................... 1-2

Ryan Micallef 2 (RA); Kento Sakurai (M)

**03.03.2017**

**Centenary Stadium**

Rabat A.v Mqabba ................... 1-4

Paul Chimezie 2, Gaetano Gesualdi, Dylan Falzon o.g. (M); Ethan Jay Goodman (RA)

**04.03.2017**

**Victor Tedesco Stadium**

Fgura U.v Lija A. ......................... 0-4

Erjon Beu, Lee Joe Schembri, Abubakar Bello Osagie, Predrag Babic (LA)

Vittoriosa S. v Marsa ................ 1-4

Rodney Refalo, Gilbert Martin, Mark Gauci, Luis Andre de Melo Lima (M); Jamie Pace (VS)

**05.03.2017**

**Centenary Stadium**

Qormi v Naxxar L. ...................... 1-0

Michaekl Camilleri (Q)

Senglea A. v Zebbug R. ......... 2-1

Terence Vella 2 (S); Mauricio Rodrigues Britto (ZR)

**Centenary Stadium**

Għargħur v Melita .................... 0-2

Luke Micallef, Nicholas Bradshaw (M)

Sirens v Pietá H........................... 2-1

Christian Caruana, Lee Grech (S); Djibril Mademba Cisse (PH)

**10.03.2017**

**Centenary Stadium**

Marsa v Fgura U. ......................... 1-1

Cleavon Frendo (FU); Luis Andre De Melo Lima (M)

**11.03.2017**

**Victor Tedesco Stadium**

Melita v Rabat A.......................... 2-1

Alan Borg Olivier (M); Chris Vella, Ryan Micallef (RA)

Naxxar L.v Għargħur ............. 2-4

Yuri de Jesus Messias, Lubos Adamec (NL); Muda Fagbeja 2, Luke Busuttil 2 (Għ)

**12.03.2017**

**Centenary Stadium**

Lija A.v Sirens .............................. 2-1

Erjon Beu, Leon Muscat (LA); Daniel Sant (S)

Zebbug R.v Qormi ................... 1-0

Tomislav Trebovac (ZR)

**Victor Tedesco Stadium**

Mqabba v Vittoriosa S. .......... 1-0

Paul Chimezie (M)

Pietá H.v Senglea A. ................ 1-2

Austin Obaje-Smith, Terence Vella (SA); Christian Grech (PH)

## Kif jinsabu

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Senglea A. | 21 | 12 | 5 | 4 | 46 | 17 | 41 |
| Lija A. | 21 | 11 | 6 | 4 | 47 | 30 | 39 |
| Naxxar L. | 21 | 12 | 3 | 6 | 46 | 30 | 39 |
| Mqabba | 21 | 11 | 5 | 5 | 31 | 22 | 38 |
| Qormi | 21 | 11 | 5 | 5 | 27 | 20 | 38 |
| Vittoriosa S. | 21 | 11 | 3 | 7 | 42 | 27 | 36 |
| Pietá H. | 21 | 9 | 2 | 10 | 36 | 31 | 29 |
| Sirens | 21 | 9 | 2 | 10 | 32 | 35 | 29 |
| Zebbug R. | 21 | 6 | 6 | 9 | 29 | 32 | 24 |
| Marsa | 21 | 7 | 3 | 11 | 29 | 34 | 24 |
| Melita | 21 | 6 | 6 | 9 | 22 | 30 | 24 |
| Rabat A. | 21 | 6 | 3 | 12 | 25 | 45 | 21 |
| Fgura U. | 21 | 3 | 6 | 12 | 14 | 41 | 15 |
| Għargħur | 21 | 4 | 3 | 14 | 21 | 53 | 15 |



Siggiewi v Mellieħa
(Ritratt: Roger Azzopardi)

# Erba' timijiet diġá promossi

24.02.2017
**Luxol Stadium**
**Għaxaq v S. Gwann ..............2-6**
Abeeb Abiodun Williams 2, Stacey Vella 2) Sergio Hili, Christian Grixti o.g. (SG); Florin Anton, Bjorn Dalli (Għ)

25.02.2017
**Centenary Stadium**
**Mellieħa v Siggiewi ...............1-1**
**Sam Vella (S); Nicholas Zammit (M)**
**Attard v Qrendi ......................0-5**
Giovanni Galea 4, Dylan Zarb (Q)

**Charles Abela Stadium**
**Zejtun C. v Marsaxlokk .......0-0**
**Gudja U. v Birżebbuġa SP ..2-1**
Marko Dimitrijevic, Bradley Cassar (GU); Keith Muscat (B)

**Sirens Stadium**
**St George's v Mgarr U. ........0 2**
Lazar Doric 2 (MU)
**Zabbar SP v Swieqi U. .........1-0**
Samuel Buhagiar (ZSP)

05.03.2017
**Charles Abela Stadium**
**Marsaxlokk v St George's ..4-1**
Andre Cassar, Thomas Francis Grech 2, Darrell Sciberras (M); Dylan Caruana (SG)
**Birżebbuġa SP v Zejtun C.. 0-3**
Kyle Buttigieg, Anthony Ewurum, Clayton Giordimaina (ZC)

**Luxol Stadium**
**Qrendi v Gudja U. ...................7-1**
Cleaven Portelli (GU); Tonio D'Amato, Dhonatan Santos da Hora, Clayton Caruana, Giovanni Galea 2, Dassier Sammut, Darrell Grech (Q)
**Swieqi U. v S. Gwann ............1-5**
Jan Tanti, Abeeb Abiodun Williams, Sergio Hili 3 (SG); Glendon Refalo (SU)

**Sirens Stadium**
**Siggiewi v Zabbar SP .......... 0-1**
Shalon Diacono (ZSP)
**Mgarr U. v Mellieħa ..............1-2**
Christian Stewart, Nicholas Zammit (M); Kenneth Aquilina (MU)

06.03.2017
**Centenary Stadium**
**Attard v Għaxaq ......................1-2**
Florin Anton, Davide Mula (Għ); Firas Aboulezz (A)

10.03.2017
**Luxol Stadium**
**St George's v Birżebbuġa SP 3-2**
aron Hili, Dylan Caruana 2 (SG); Luca Santoiemma, Lesley Cassar Jackson (B)

11.03.2017
**Centenary Stadium**
**Zabbar SP v Mgarr U. ............2-1**
Karl Sacco, Jean-Luca Vella o.g. (ZSP); Lazar Doric (MU)
**Għaxaq v Swieqi U. .............. 0-1**
Kenneth Ekezie (SU)

**Charles Abela Stadium**
**S. Gwann v Siggiewi ........... 3-3**
Nezar Abouhaisa, Sergio Hili, Abeeb Abiodun Williams (SG); Chike Anthony Eze 2, Mark Ċamilleri (S)
**Mellieħa v Marsaxlokk ....... 2-2**
Nicholas Zammit, Ryan Cutajar (Mel); Jeremiah Ani, Evair Grech (Mxk)

**Luxol Stadium**
**Zejtun C. v Qrendi .................0-0**

**Gudja U. v Attard ....................1-2**
Lydon Cuschieri 2 (A); Marko Dimitrijevic (GU)

## Kif jinsabu

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Zabbar SP | 21 | 17 | 1 | 3 | 42 | 14 | 52 |
| Zejtun C. | 21 | 16 | 4 | 1 | 42 | 14 | 52 |
| Qrendi | 21 | 14 | 6 | 1 | 57 | 21 | 48 |
| San Gwann | 21 | 14 | 5 | 2 | 55 | 15 | 47 |
| Swieqi U | 21 | 9 | 3 | 9 | 38 | 34 | 30 |
| B'buga SP | 21 | 8 | 5 | 8 | 24 | 24 | 29 |
| Siggiewi | 21 | 6 | 10 | 5 | 33 | 28 | 28 |
| Attard | 21 | 7 | 3 | 11 | 20 | 34 | 24 |
| Mgarr U. | 21 | 6 | 4 | 11 | 26 | 33 | 22 |
| St George's | 21 | 5 | 4 | 12 | 25 | 44 | 19 |
| Marsaxlokk | 21 | 4 | 6 | 11 | 23 | 24 | 18 |
| Mellieha | 21 | 4 | 5 | 12 | 20 | 42 | 17 |
| Gudja U. | 21 | 5 | 0 | 16 | 16 | 55 | 15 |
| Ghaxaq | 21 | 3 | 2 | 16 | 17 | 56 | 11 |

IT-TIELET DIVIŻJONI



# Kalkara jifthu vantaġġ ta' tmien punti

Zurrieq v Msida St Joseph - (Ritratt: Alan Saliba)

**26.02.2017**

**Charles Abela Stadium**

**Mtarfa v Luqa SA .................. 0-4**

Claudio Calleja 2, George Falzon, Randolph Penza (LSA)

**Ta' Xbiex v Kalkara ............... 3-4**

Chris Farrugia, Christian Wismayer, Ryan Sell o.g. (TX); Timothy Thomas, Beppe Antignolo, Matthew Schembri, Ryan Sell (K)

**Sirens Stadium**

**Dingli S. v Kirkop U. ...............3-1**

Luke Galea 3 (DS); Matthew Pace (KU)

**St Lucia v Mdina K. ...............5-0**

Sebastian Perdomo 2, Gilbert Camilleri 2, Marlon Farrugia (SL)

**27.02.2017**

**Centenary Stadium**

**Msida SJ v St Venera L. ...... 1-0**

Clint Zammit (MSJ)

**Zurrieq v Xgħajra T. ..............2-0**

Ryan Farrugia, Leontiev Konda (Z)

**04.03.2017**

**Centenary Stadium**

**Xgħajra T. v Dingli S .............3-0**

Glenn Bonello, Dylan Busuttil, Gilbert Scicluna (XT)

**Luqa SA v Marsaskala ........6-0**

Leeroy Bonnett 2, George Falzon, Jason Good, Randolph Penza, Lee Baldacchino (LSA)

**Luxol Stadium**

**St Venera L. v Zurrieq ..........3-1**

Dylan Mercieca, Danijel Vasic 2 (SV); Dylan Darmanin (Z)

**Msida SJ v St Lucia .............0-2**

George Chircop, Gilbert Camilleri (SL)

**Sirens Stadium**

**Mdina K. v Ta' Xbiex ............3-0**

Matthew Fenech 3 (MK)

**Kalkara v Mtarfa ....................6-0**

Timmy Thomas 2, Julian Spiteri, Christopher Cuschieri, Ryan Sell 2 (K)

**12.03.2017**

**Charles Abela Stadium**

**Zurrieq v Msida SJ ................3-4**

Fabiol Muscat 2, Clint Zammit, Scott Stewart (MSJ); Leontiev Konda 2 (Z)

**Marsaskala v Kalkara ..........0-6**

Timothy Thomas 2, Beppe Antignolo, Matthew Scehmbri, Justin Felice, Ryan Sell (K)

**Luxol Stadium**

**Dingli S. v St Venera L. ........0-3**

Joseph Chetcuti 2, Danijel Vasic (SVL)

Mtarfa v Mdina K. .....................4-1

Mohamed Ali Alforjani 3, Warren Zerafa (M); Matthew Fenech (MK)

**Sirens Stadium**

**St Lucia v Ta' Xbiex ..............8-1**

Shaun Vella 2, Gilbert Camilleri 3, Sebastian Perdomo 2, Ali Murillo (SL); Francis Sumalia (TX)

**Kirkop U. v Luqa SA .............3-2**

Lee Baldacchino, Claudio Calleja (LSA); Michael Theuma, Karl Caruana, Iliasu Olayiwola Salaudeen (KU)

## Kif jinsabu

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kalkara | 19 | 15 | 4 | 0 | 56 | 10 | 49 |
| Luqa SA | 19 | 13 | 2 | 4 | 52 | 14 | 41 |
| St Lucia | 20 | 11 | 7 | 2 | 46 | 19 | 40 |
| St Venera L | 20 | 11 | 4 | 5 | 35 | 17 | 37 |
| Msida SJ | 20 | 11 | 3 | 6 | 35 | 23 | 36 |
| Xghajra T | 19 | 10 | 4 | 5 | 29 | 17 | 34 |
| Kirkop U | 19 | 9 | 5 | 5 | 28 | 18 | 32 |
| Zurrieq | 20 | 8 | 1 | 11 | 26 | 35 | 25 |
| Mdina K | 19 | 8 | 0 | 11 | 31 | 43 | 24 |
| Dingli S | 20 | 5 | 4 | 11 | 21 | 38 | 19 |
| Mtarfa | 19 | 3 | 1 | 15 | 17 | 48 | 10 |
| Ta Xbiex | 19 | 3 | 1 | 15 | 17 | 54 | 10 |
| Marsaskala | 19 | 1 | 0 | 18 | 13 | 70 | 3 |

# Timijiet tal-BOV jirbħu l-Kampjonati tal-MESA

BOV
Bank of Valletta



L-iskwadra 'A' tal-Bank of Valletta li rebħet il-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni tal-MESA

It-timijiet tal-football tal-Bank of Valletta rebħu l-Kampjonati tal-Ewwel u tat-Tieni Diviżjoni organizzati mill-Malta Employees Sports Association (MESA). It-team 'A' tal-BOV rebaħ il-logħbiet kollha tal-Ewwel Diviżjoni biex waqqaf id-dominanza tal-Forzi Armati ta' Malta li kienu rebħu l-kampjonat għal dawn l-aħħar erba' snin.

It-team 'B' tal-BOV rebaħ sitta mis-seba' logħbiet għad-dispożizzjoni biex spiċċa fil-quċċata tal-klassifika tat-Tieni Diviżjoni.

Għaldaqstant it-team 'B' kiseb ukoll il-promozzjoni għall-ogħla diviżjoni fejn fl-istaġun li jmiss jiltaqa' wkoll mat-team 'A' tal-istess Bank of Valletta.

Il-Bank jirringrazzja lill-coaches, Frans Cassar u John William Vella, kif ukoll lill-players kollha għall-impenn u d-dedikazzjoni tagħhom matul is-sena kollha, kif ukoll il-persuna teknika u l-kumitat tal-football fi ħdan il-BOV Sports and Social Club.

Iż-żewġ timijiet bħalissa qed jagħmlu l-aħħar tħejjijiet għall-kompetizzjonijiet tan-Knock-out tal-MESA, il-Banca Cup organizzata f'Malta u l-mistennija Champions Bank, fejn 50 team mill-Banek jikkompetu fis-Slovenja, f'Settembru li ġej.



L-iskwadra 'B' tal-Bank of Valletta li rebħet il-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni tal-MESA

FOOTBALL INGLIŻ

# Manchester United jirbħu l-League Cup għall-ħames darba





Manchester United rebħu l-League Cup għall-ħames darba meta fil-finali li ntlagħbet, f'Wembley Stadium, nhar is-26 ta' Frar, 2016, għelbu lil Southampton bl-iskor ta' 3-2.

Iżda deċiżjoni żbaljata mill-assistent referee, fl-14-il minuta, ikkundizzjonat din il-finali hekk kif Southampton ġew imċaħħda minn goal leġittimu skorjat minn Manolo Gabbiadini meta ħareġ minn wara d-difensur, Chris Smalling, biex mill-cross ta' Cedric Soares ikkonkluda fix-xibka.

Iżda kienu r-Red Devils li fetħu l-iskor, fid-19-il minuta, meta minn free-kick minn barra l-kaxxa, Zlatan Ibrahimovic xeħet il-ballun fir-rokna tax-xibka.

Wara dan il-goal, Southampton ipprovaw jagħmlu reazzjoni iżda reġgħu kienu l-United li, kontra x-xejra tal-logħob, skorjaw, fit-38 minuta, meta Jesse Lingard immira lejn ir-rokna tax-xibka wara li rċieva mingħand Juan Mata.

Fil-ħin miżjud tal-ewwel taqsima, Southampton naqqsu l-marġni meta azzjoni personali ta' James Ward-Prowse, fuq il-lemin, spiċċat għand Manolo Gabbiadini li għadda l-ballun minn bejn saqajn il-goalkeeper tar-Red Devils, De Gea ... biex sar ir-raba' Taljan li skorja fil-finali tal-League Cup .... wara Fabrizio Ravanelli, Roberto Di Matteo u Fabio Borini.

L-istess Gabbiadini, tliet minuti mill-ftuħ tat-tieni taqsima, reġa' daħħal lil sħabu fil-partita meta kiseb id-draw għal 2-2.

Minn azzjoni ta' corner, l-attakkant Taljan minkejja li kien issikkat minn Chris Smalling rnexxielu jdur u b'xutt fil-baxx ħasad għal kollox li De Gea.

Fis-76 minuta, is-Saints kienu sfortunati li ma marrux fil-vantaġġ meta minn azzjoni ta' corner, id-difensur Oriol Romeu, għola fuq kulħadd u b'daqqa ta' ras stupenda ġie mċaħħad mill-wieqfa, b'De Gea megħlub għal kollox.

Iżda kien Zlatan Ibrahimovic li skorja l-goal tar-rebħa, tliet minuti mit-tmiem, meta tħalla żmarkat u b'daqqa ta' ras għeleb għal kollox lill-goalkeeper, Fraser Foster.




Zlatan Ibrahimovic jiskorja l-goal tar-rebħa għal Manchester United kontra Southampton

**Man Utd:**
David De Gea,
Eric Bailly,
Marcos Rojo,
Chris Smalling,
Antonio Valencia,
Ander Herrera,
Jesse Lingard
(Marcus Rashford 77),
Juan Mata
(Michael Carrick 46),
Paul Pogba,
Zlatan Ibrahimovic,
Anthony Martial
(Marouane Fellaini 90)
**Coach:** José Mourinho

**Southampton:**
Fraser Forster,
Cedric Soares,
Jack Stephens,
Maya Yoshida,
Ryan Bertrand,
Steven Davis
(Jay Rodriguez 90),
Dusan Tadic
(Sofiane Boufal 77),
James Ward-Prowse,
Nathan Redmond,
Oriol Romeu,
Manolo Gabbiadini
(Shane Long 83)
**Coach:** Claue Puel

**Referee:** André Marriner


Il-players ta' Manchester United jiċċelebraw is-suċċess tal-League Cup

David De Gea u Paul Pogba bil-League Cup


Wayne Rooney jgħolli l-League Cup





# MANCHESTER UTD.

# Karl Naja l-ewwel Malti li jagħmel backflip b'rota tal-BMX

BMX



Karl Naja jagħmel backflip bil-BMX

Lejn tmiem ix-xahar li għadda, ir-rider, Karl Naja, sar l-ewwel Malti li għamel backflip b'rota tal-BMX. Iżda min huwa eżattament Karl Naja?

Karl Naja li għandu 27 sena beda jsuq il-BMX fis-sena 2004. Minn meta kien ta' etá żgħira huwa kellu mħabba kbira lejn ir-rota u kien meta xi ħbieb ħaduh fit-trakka tal-BMX, f'Pembroke, li huwa ħass li dan huwa l-isport addattat għalih. Immedjatament huwa beda jfaddal il-flus biex jixtri r-rota addatta għall-BMX.

Appena huwa xtara rota tal-marka Haro, beda jmur tlieta jew erba' darbiet kull ġimgħa jipprattika dan l-isport minn fejn kien jitlaq kull darba bl-istess rota minn tas-Sliema sa Pembroke.

Madwar erba' snin wara, sar iktar midħla tal-president u fundatur tal-BMX Malta, John Zammit, kif ukoll ta' dawk kollha li kienu jaffrontaw dan l-ambjent li lkoll tawh diversi opportunitajiet biex ikompli jipprattika l-BMX.

Karl Naja kellu l-ewwel esperjenza barra minn xtutna bir-rota tal-BMX, f'Barċellona, meta kellu 18-il sena. Wara dan huwa kellu diversi opportunitajiet oħra internazzjonali.

Fis-sena 2015, huwa ħa sehem fil-BRAAAB amateur competition, fil-040 BMX Park f'Eindhoven, l-Olanda. Fl-istess skate park huwa riċentament tgħallem kif jagħmel back flip. Fl-istess waqt huwa rnexxielu jgħaddi mal-Aħħar 16 u jispiċċa fl-10 post minn fost id-49 kompetitur li ħadu sehem.

Wara dan l-avveniment, BMX Malta baqgħu f'kuntatti tajbin man-nies li jmexxu l-istess skate park, inkluż wieħed mill-aħjar riders tal-BMX Olandizi, Daniel Wedijmier, li kien ikkompeta fl-ewwel kompetizzjoni Internazzjonali tal-BMX f'Malta, fl-2014.

Daniel kien l-organizzatur ewlieni ta' dan l-avveniment tal-BRAAAB f'Olanda. Ftit jiem ilu Karl Naja flimkien ma' rider ieħor lokali, Gianni Zahra, marru biex iħarrġu fil-040 skatepark u dan grazzi għal BMX Malta. Kien matul dan il-vjaġġ li Naja tgħallem kif jagħmel backflip, fejn l-ewwel prattika kienet f'foam pit. Appena huwa għamel dan, Karl beda jipprattika l-backflip fuq rampa resi, li hija rampa ta' "soft landing".

Grazzi għall-assistenza ta' Daniel Wedijmier, huwa rnexxielu jagħmel din l-backflip fit-tieni tentattiv tiegħu. Dan kien pass kbir għalih fejn tah il-kunfidenza li jipprova diversi drabi din il-backflip u appena wasal Malta huwa rnexxielu jagħmel dan biex sar l-ewwel Malti li għamel din il-backflip f'pajjiżna.

Karl Naja xtaq jirringrazzja lil Koen Pastor li ħa ħsieb kif ukoll lil kollega Gianni Zahra matul il-vjaġġ tagħhom f'Eindhoven, lil John Zammit, lil BMX Malta, lill-familjari u lit-tfajla tiegħu, Claire, għall-appoġġ kollu tagħhom biex dan kollu seta' jkun possibbli.




# Il-Marokkin Mohammed Hajjy jirbaħ għas-sitt darba

F'din it-32 edizzjoni li saret fil-bidu ta' dan ix-xahar, l-atleta Marokkin, Mohammed Hajjy, reġa' rebaħ il-Maratona ta' Malta għas-sitt darba, din id-darba f'ħin ta' sagħtejn, 21 minuti u 6 sekondi biex patta għad-diżappunt tas-sena li għaddiet meta kien spiċċa fir-raba' post.

Huwa daħal qabel il-kompatrijott tiegħu,Yassine Kabbouri u Dmitris Serjongis.

Iżda huma ma kisirx ir-rekord tiegħu stess li kien irreġistra, fl-2013, meta waqqaf l-arloġġ f'sagħtejn, 16-il minuta u 6 sekondi.

L-ewwel atleta Malti li temm din il-Maratona kien Andrew Grech, f'ħin ta' sagħtejn, 28 minuta u 17-il sekonda., segwit minn Jonathan Balzan li kien it-tieni Malti.

L-ewwel atleta femminili kienet il-Maltija, Josann Attard Pulis, li temmet f'ħin ta' sagħtejn, 58 minuti u 13-il sekonda quddiem Catherine Chetcuti u Jana Ba.

In-Nofs Maratona ntrebħet mill-Pollakk, Micrezko Maciek, li l-ħin tiegħu kien dak ta' siegħa, 9 minuti u 28 sekonda li kien segwit minn Pasquale Ruttigliano u Luigi Spinali filwaqt li l-ewwel Malti kien Stephen Borg li daħal fis-sitt post f'ħin ta' siegħa, 14-il minuta u 28 sekonda.

Imbagħad, il-Maltija Lisa Marie Bezzina, rebħet il-kategorija tan-Nisa f'din in-Nofs Maratona, f'ħin ta' siegħa, 22 minuta u 6 sekondi.

Din il-parteċipazzjoni kienet waħda rekord meta ħadu sehem aktar minn 4,400 atleta, hekk kif din il-Maratona ta' Malta kienet maqsuma fi tliet avvenimenti - il-Full Marathon, il-Half Marathon u l-Walkathon.

Aktar minn 900 parteċipant ħadu sehem fil-Full Marathon filwaqt li iktar minn 3,400 atleta ħadu sehem fin-Nofs Maratona ... b'625 parteċipant minn dawn ipparteċipaw fil-Walkathon.

F'din l-edizzjoni, in-numru ta' parteċipanti Maltin naqas b'230 bi 12-il mara u 102 irġiel applikaw għall-Full Marathon filwaqt li 787 mara u 1,117-il raġel applikaw għan-Nofs Maratona jew il-Walkathon.







Ir-rebbieħ ... il-Marokkin Mohammed Hajji




Micrezko Maciek - rebbieħ tan-Nofs

Ritratti: Maratona ta' Malta 2017 (facebook)



Il-bidu tal-maratona mis-swar tal-Mdina




L-ewwel Malti .... Andrew Grech



Maratona




It-tieni Malti .... Jonathan Bezzina




Ir-rebbieħa tan-Nofs Maratona Femminili - Lisa Marie Bezzina

Għazliet Sportivi Nazzjonali 2016

# Suċċess doppju għaċ-Ċikliżmu permezz ta' Joe Bajada u John Zammit



John Zammit (xellug) wara li ġie pprezentat bil-People's Choice Awards

## John Zammit - The People's Choice Award

Nhar is-Sibt, 25 ta' Frar, 2017, il-Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu kellha biex tkun ferħana bis-suċċess doppju tal-president John Zammit u s-segretarju ġenerali, Joe Bajada, meta dawn kisbu rispettivament b'mod meritat, The People's Choice Award u The Best Gozitan Sportsman of the Year, fl-Għażliet Sportivi Nazzjonali.

John Zammit, imwieled fil-5 ta' Frar 1948, huwa l-president attwali tal-Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu. Matul il-karriera kompetittiva tiegħu, huwa mhux biss irrappreżenta lil Malta, iżda wkoll kellu perjodu ta' tliet snin isuq mal-club Sqalli ta' GS Lampolet ta' Catania. Madankollu huwa ferm dedikat lejn l-Assoċjazzjoni tal-BMX li mhux biss kien huwa li waqqafha, iżda li għadu president sa mill-ewwel ġurnata tat-twaqqif tagħha, 30 sena ilu.

Bħala ċiklist huwa saq ma' Qormi CC, Floriana CC, GS Lampolet u anke fit-tim nazzjonali Malti. Matul il-karriera kompetittiva tiegħu, Zammit rebaħ bosta unuri fosthom fi Sqallija meta kien issieħeb għal tliet snin mal-club Sqalli. L-ikbar mumenti tiegħu fit-team nazzjonali kienu dawk tal-Logħob tal-Mediterran li saru fit-Tunezija, fl-1967, kif ukoll dawk pre-Olimpiċi fl-1971 fi Munich fil-Ġermanja.

Wara li huwa rtira mix-xena kompetittiva taċ-ċikliżmu, huwa beda jikkowċja fejn mexxa lil-team nazzjonali waqt il-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li kienu saru, f'Andorra, fl-1991. John Zammit li ilu għal snin ferm twal fil-Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu, kemm bħala r rappreżentant tal Libertas, kif ukoll serva għal diversi snin bħala viċi-president u sa mis-sena 2002 huwa jinsab imexxi lill-istess Federazzjoni. Huwa ħadem ukoll bla heda fuq it-Tour ta' Malta li tagħha huwa ko-fundatur. Matul l-Assemblea Ġenerali tal-UEC li saret fil-Portugall, f'Marzu 2016, John Zammit kien onorat bil-Merit Award mill-President David Lappartient.

Sorpriż b'dan il-People's Choice Award, Zammit iddedika dan is-suċċess lill-familja kollha tiegħu, filwaqt li kellu ringrazzjamenti speċjali lejn is-segretarju ġenerali, Joe Bajada, fejn stqarr li dawn iż-żewġ awards inkisbu bil-ħidma u n-nominazzjonijiet li Bajada wettaq. Huwa feraħ lil SportMalta u lill-Kumitat Olimpiku Malti li huma strumentali fil-mixja sportiva f'pajjiżna, filwaqt li radd ħajr lil Chris Agius, Segretarju Parlamentari responsabbli mill-isport u lil David Agius il-Kelliem tal-Oppożizzjoni għall-isport u appella biex l-isports għandu jibqa' sports u politika għandha tibqa' politika. B'hekk biss inkunu nistgħu niggarantixxu iktar suċċessi sportivi.

## Joe Bajada - L-Aħjar Sportiv Għawdxi

Joe Bajada, ġie onorat bir-Rikonoxximent tal-Aħjar Sportiv Għawdxi, mogħti għall-Aħjar Atleta, Amministratur jew Uffiċjal Għawdxi.

B'karriera sportiva ta' iktar minn 45 sena, fejn Joe Bajada ta s-servizzi tiegħu bħala referee tal-football, match inspector, direttur ta' Tournaments Internazzjonali, amministratur, membru f'diversi bordijiet sportivi u anke Kummissarju Elettorali tal-MFA.

Huwa għadu jipprattika l-karriera ta' ġurnalista sportiv fejn ippubblika diversi kotba dwar il-Football Għawdxi, kif ukoll Annwali tal-Għaqda Kittieba Sport. Serva għal għaxar snin bħala ċ-Chairman tal-Gozo Sports Board, kif ukoll kien f'diversi bordijiet tal-Kunsill Malti għall-iSport, tal-MFA u tal-GFA. Ħa sehem f'diversi seminars sportivi kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment.

Kien onorat diversi drabi bħala l-Uffiċjal tas-Sena tal-GFA u mogħti l-Pin tad-Deheb mill-Association Internationale De La Presse Sportiv – AIPS; filwaqt li attwalment huwa r-rappreżentant Malti tal-International Federation of Football History & Statistics – IFFHS, kif ukoll il-korrispondent Malti tal-Atlas Mondial du Football. Sentejn ilu, ġie maħtur Segretarju Ġenerali tal-Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu u delegat fil-European Cycling Union u fil-Union Cycliste Internationale.

Matul is-sena 2016, inħatar bħala Chairman tal-Kummissjoni tar-Referees, kif ukoll Membru tal-Kummissjoni tal-Kompetizzjonijiet tal-NF-Board (New Football Federations-Board). Fil-qasam ċiklistiku internazzjonali, kien fuq mozzjonijiet mressqa minnu li l-European Cycling Union waqqfet il-Kummissjoni tal-iStati ż-Żgħar tal-Ewropa, kif ukoll li ta' kull sentejn jibda jkun organizzat il-kampjonat taċ-ċikliżmu għall-istess Pajjiżi ż-Żgħar tal-Ewropa, bl-ewwel edizzjoni tiegħu ser tkun organizzata hawn Malta, fis-sena li ġejja, 2018. Matul l-istess sena 2016, Joe Bajada mexxa lit-timijiet rispettivi nazzjonali fit-Tours tal-Iżrael u r-Rumanija, kif ukoll fil-European Championships fi Franza.

Sodisfatt ħafna għal dan ir-rikonoxximent, Bajada qalilna li dan l-unur ma setax wasal f'ġurnata aħjar għax proprju wasal f'għeluq is-60 sena tiegħu u għalhekk jirringrazzja lill-Ħallieq li għoġbu jisilfu dawn is-snin kollha. Huwa żied jgħid li biex kollox jikkumplimenta ruħu, l-premjazzjoni kienet minn Bajada għal Bajada u li saret minn Mark Bajada, Diretur ta' Bajada New Energy, filwaqt li Joe Cassar, Segretarju ta' Bord tad-Diretturi ta' SportMalta u kollega antik, qara l-profil tiegħu.

Imbagħad ma setax jonqos iċ-ċirasa fuq il-kejk bl-unur miksub minn John Zammit. Finalment huwa jiddedika dan l-unur lill-familja kollha tiegħu, lill-mara u lit-tfal flimkien ma' żiewġhom u l-għeżież neputijiet tiegħu.

Min-naħa tal-Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu, tixtieq tieħu din l-okkażjoni biex trodd ħajr lill-Kumitat Organizzattiv immexxi b'abbiltá minn Mark Cutajar, lil SportMalta, l-Għaqda Ġurnalisti Sports, kif ukoll lil dawk it-timijiet kollha li ferħulhom u awgurawlhom permezz ta' diversi media.



Joe Bajada (xellug) ippreżentat bl-unur tal-Aħjar Sportiv Għawdxi



John Zammit u Joe Bajada wara l-preżentazzjoni

minn **Joe Micallef (Segretarju Ġenerali tal-Youth FA)**

# 'Let them play' Events U11

# Youth FA u Futsal – Proġett mifrux fuq tliet staġuni.

# Erasmus + Programm bejn il-Youth FA u Kilmarnock FC bejn is-26 ta' Marzu u l-1 ta' April 2017, fl-Iskozja.

## Let them play

Wara li fi Frar inżamm l-ewwel event tal-U11 Events għal dan l-istaġun, fiż-Żurrieq, organizzat tajjeb min-nursery ta' Żurrieq, fejn apparti numru ta' logħob li sar matul il-ġurnata tal-Ħadd, 12 ta' Frar, 2017, bit-tema "Teamwork makes the Dream work", issa kien imiss li, nhar il-Ħadd, 19 ta' Marzu, 2017, li jinżamm event ieħor, ospitat min-nursery ta' Mġarr. Filwaqt li għal Zurrieq din kienet l-ewwel esperjenza tagħhom, mhux l-istess jista' jingħad għal Mġarr, fejn din kienet ir-raba' sena konsekuttiva li nżammu dawn l-events. It-tema magħżula għal dan l-event kienet 'LET THEM PLAY' ... frażi nteressenti ndirizzata lejn dawk kollha li ma jħallux lil dawn it-tfal jilagħbu l-fantasija sabiħa tal-football li tant joħolmu u jaħsbu kif ser jilagħbu.

Matul dan l-event bħala esperiment, il-coaches ġew mogħtija struzzjonijiet biex matul il-ħin tal-logħob, ma jagħtux struzzjonijiet lill-players tagħhom, iżda jħalluhom, filwaqt li l-istruzzjonijiet jiġu mogħtija fil-ħin tal-mistrieħ. Nistgħu ngħidu li dan l-esperiment irnexxa għalkemm mhux sodisfatti sa l-aħħar, u rridu nkomplu naħdmu biex dan il-kunċett f'dawn il-livelli jinżamm fil-massimu tiegħu. Kienu mumenti sbieħ ferm, fejn rajna l-players ħielsa minn kull struzzjonijiet u joħolqu l-logħob bil-fantasija tagħhom. Tmien timijiet ħadu sehem f'dan l-event fejn apparti Mgarr, ħadu sehem ukoll in-nurseries ta' Qormi, Żabbar, Attard, Sirens, Mellieħa, Naxxar u Mgarr B.

Assistejna għal diversi logħbiet fejn kull team lagħab tliet partiti bil-parteċipazzjoni ta' 'l fuq minn 130 player ta' taħt il-11-il sena. Tajjeb ngħidu li kien hemm ukoll players bniet jilagħbu f'din l-event. F'dawn l-events apparti l-logħob tal-football, it-timijiet jiġu meħuda wkoll għal żjarat edukattivi fil-madwar fosthom ġewwa t-tempji ta' Haġrat, War-Time Shelter fil-pjazza prinċipali tar-raħal, żjarat f'impjanti tal-mushrooms u frawli li dan ir-raħal tant huwa magħruf għalihom.

Minn ħin għal ħin, diversi players mit-timijiet nazzjonali għamlu żjarat u tkellmu mal-players fuq l-esperjenzi tagħhom fit-timijiet nazzjonali Maltin.

Il-mixja ta' dawn l-events tkompli matul ix-xhur li ġejjin b'dik tad-9 ta' April tkun ospitata min-nursery ta' Żebbuġ.

## Youth FA FUTSAL

### Proġett mifrux fuq tliet staġuni

Bħalissa għaddejjin taħditiet bil-possibbiltá li mill-istaġun li ġej jibdew jiġu organizzati events/kampjonati U12 u U14 tal-Futsal. Hemm qbil totali li l-futsal hija logħba importanti speċjalment fl-etajiet iż-żgħar u għaldaqstant iż-żewġ għaqdiet għandhom għan u skop wieħed, dak li finalment dan il-proġett joffri titjib tekniku fil-players żgħar tagħna, biex filwaqt li għal uħud dan ikun għalihom u għat-team tagħhom ta' benefiċċju fil-kampjonati U15 u U17 tal-Youth FA, u għal oħrajn li jkunu jridu jibqgħu jipprattikaw din il-logħba.

Dan il-proġett, li huwa maħsub fuq tliet staġuni, wara dan il-perjodu għandu jiġi deċiż jekk jibdewx jinżammu wkoll events/kampjonati li jibdew mill-U12, u jibqgħu telgħin sal l-U16. Fil-ġranet li ġejjin ser tissejjaħ laqgħa għan-nurseries interessati f'dan il-proġett.

Filwaqt li diġá ġew identifikati żewġ venues, fejn jistgħu jinżammu dan il-logħbiet, dawk tal-U14 ikun matul il-ġimgħa, filwaqt li l-U12 ikun fi tmiem il-ġimgħa. Biex ir-regolamenti jkunu jistgħu jiġu spjegati aħjar players u coaches tal-Futsal ser ikunu mpenjati jaħdmu mal-coaches tan-nurseries fil-bidu ta' dan il-proġett. Fl-aħħar edizzjoni tal-magazine tal-UEFA Direct – edizzjoni Marzu 2017 - ġie ppubblikat studju ta' Luca Oppici, student fl-Universitá ta' Melbourne, l-Awstralja, fejn taħt it-titlu ta' "Transfer of skills from futsal to football in youth players", elenka l-benefiċċji li ġġor magħha l-logħba tal-futsal fil-player meta jkompli jilgħab fil logħba 11v11.

Hekk per eżempju huwa kkalkulat fost oħrajn żieda ta' 23% aktar passes fil-minuta, apparti li player tal-futsal jaħseb aktar malajr x'ser jagħmel bil-ballun, waqt il-logħba, minħabba l-intensitá tal-logħba tal-futsal. Nawguraw li dan il-progett jimmatura fil-ġranet li ġejjin għall-benefiċċju tal-players, kif ukoll biex jogħla l-livell tal-logħba fil-kampjonati tal-Youth FA

# Youth FA - Kilmarnock FC

Għada, 26 ta' Marzu, kontinġent ta' 17-il amministratur min-nurseries u l-Youth FA, ser iħalli Malta lejn Kilmalrnock fl-Iskozja, għal programm finalizzat mill-fondi "Erasmus +" tal-Unjoni Ewropea. Il-proġett GOAL – INVESTING IN OUR PEOPLE, huwa ffukat fuq amministraturi fil-qasam tan-nurseries, fejn l-iskop ikun li jaqsmu esperjenzi li jiftħu prattiċi lura f'pajjiżna. Il-preparamenti għal dan il-proġett ilhom għaddejjin għal dawn l-aħħar xhur, tant, li lejn l-aħħar tas-sajf, kien hawn fostna Brian Sproul li huwa l-kordinatur min-naħa ta' Kilmarnock FC Academy, li flimkien mal-Youth FA fasslu programm intensiv li ser imiss diversi aspetti, relatati mat-tmexxija amministrattiva, teknika u soċjali tan-nurseries. Il-parteċipanti ser ikollhom ukoll iċ-ċans li jaħdmu u jaqsmu esperjenzi ta' Kilmarnock Academy, ġewwa Rugby Park, fejn ukoll ser ikunu alloġġati matul il-ġimgħa tal-programm.

Nhar l-Erbgħa li ġej, 29 ta' Marzu, il-grupp se jkun il-mistieden tal-Scottish FA fejn ġewwa Hampden Park, ser ikollu wkoll iċ-ċans li jaraw kif taħdem l-Assoċjazzjoni fil-qasam tal-Youths u diversi programmi tal-Assoċjazzjoni mill-marketing sal-Planning & Administration u Development Structures. Bl-għajnuna ta' diversi sponsors u l-MTA f'waħda mill-ġranet ser tinżamm "A Taste of Malta" - serata fejn ser tkun riklamata Malta u l-faċilitajiet sportivi, fejn għal din l-okkażjoni ser ikunu mistiedna, aġenziji tal-ivjaġġar, il-Kunsill ta' Kilmarnock u diversi clubs sportivi mill-viċinanzi ta' Kilmarnock.

Fil-ħarġa li jmiss tingħata aktar informazzjoni dettaljata ta' dak li jkun ġara, f'din l-ewwel esperjenza ta' din ix-xorta, u li l-Youth FA diġà qed taħdem fuq oħrajn simili, biex aktar amministraturi fin-nurseries jaqsmu l-esperjenzi li jkunu jistgħu iħaddnu lura fin-nurseries rispettivi tagħhom.

L-għażla tal-parteċipanti saret permezz ta' intervisti li saru minn bord, biex finalment setgħet toħroġ il-lista finali b'dawk il-persuni li għandhom il-kriterji neċessarji u validi għal dan il-programm.





Minn Oliver Attard - (ritratti: Matthew Scerri)

# Isiru l-Malta Motorsport Awards 2017

Nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Marzu, il-Federazzjoni Maltija tal-Motorsport organizzat il-Motors Inc. Malta Motorsport Awards 2017, f'lukanda ewlenija f'San Ġiljan.

Il-Federazzjoni irrikonixxiet numru ta' sewwieqa u ta' uffiċjali li ġew nominati mill-clubs rispettivi tagħhom u li huma affiljati mal-Federazzjoni.

B'kollox kien hemm 15-il rikonoxximent mill-clubs u tnejn oħra mill-Federazzjoni wara qbil mal-clubs kollha affiljati, l-All Wheel Drive Club, Malta, innominaw lill Neville Ciantar u lil Alan Zahra, l-Island Car Club, innominaw lil Ruben Hili u lil William England, Karting Club Malta innominaw lil Nicky Gauci u lil Gianluca Dingli, l-Old Motors Club taw ir-rikonoxximent tagħhom lil Charles Sammut u lil Konrad Grech.

Joseph Gerada u Carmel Vella ġew nominati mill-Malta Classic, filwaqt li l-Malta Drag Racing Association innominaw lil Glenn Borg u lil Duncan Micallef. Il-Malta Drifting Association innominaw lil George Muscat u lil Christian Borg u l-Porsche Club Malta innominaw lil Hubert Camilleri

Iċ-champion preżenti tal-FIA European Drag Racing, Anita Makela tal-Finlandja, kienet il-mistiedna speċjali għal din iċ-ċerimonja u ż-żewġ awards speċjali, dak lill-mara involuta fil-motorsport ġie mogħti lis-Sinjura Stefanie Calleja u l-akbar unur tas-serata ġie mogħti lil Mario Mifsud, promoter tal-motorsport u preżentatur tal-programm fuq il-motorsport, fuq stazzjon privat.





Duncan Micallef




Charles Sammut




William England



Stefanie Calleja



Glenn Borg



Hubert Camilleri



Ir-rebbieħa kollha



Nicky Gauci



Joe Gerada

# Duncan Micallef jirbaħ l-unur tal-Isportiv tas-Sena 2016

Wara karriera brillanti fil-football u fil-Karting, Micallef Duncan daħal fid-Drag Racing. Wara snin ta' suċċessi, Duncan kellu suċċess notevoli fl-2016 meta wara sena wieqaf mis-sewqan, fit-28 ta' Awwissu, ġewwa it-trakka ta' Tierp Arena, fl-Isvezja, irreġistra l-aqwa ħin personali tiegħu kif ukoll dak tal-kampjonat kollu, meta saq l-1,000 pied, fi 3.913 sekondi.

F'Santa Pod, ġewwa l-Ingilterra, wara biss ġimagħtejn mill-avventura ta' Tierp, Duncan reġa kiser ir-rekords kollha preċedenti kif ukoll ir-rekord tat-trakka ta' Santa Pod meta saq l-1,000 pied bit-Top Fuel Dragster tiegħu fi 3.896 sekondi b'veloċitá massima ta' 312-il mil fis-siegħa.

Fid-diskors tiegħu, wara l-preżentazzjoni ta' dan l-unur prestiġjuż, Duncan stqarr li dan ma kienx faċli għalih u rringrazzja lill-ġurnalisti li vvutawlu. Huwa qal ukoll li din id-darba l-ġurnalisti ivvutaw lill-motorsport u mhux biss lil Duncan Micallef u talab lill-ġurnalisti biex iwasslu aktar aħbarijiet mix-xena tal-motorsport lokali.

Il-Malta Motorsport Federation, il-Malta Drag Racing Association u l-komunitá kollha tal-Motorsport ġewwa pajjiżna, awguraw lil Duncan Micallef għal dan l-unur.



# L-Ingliż Barry Hawkins jirbaħ il-World Grand Prix

Barry Hawkins ipproduċa snooker irreżistibbli biex rebaħ it-titlu tal-World Grand Prix fi Preston, iżda kellu jirreżisti għal rimonta erojka minn Ryan Day biex eventwalment rebaħ 10-7.

Dan kien t-tielet titlu ranking għal Hawkins li jġibu ndaqs ma' Mark Allen, James Wattana u Paul Hunter. Tnejn mir-rebħiet ta' Hawkins issa ġew fil-Guild Hall storiku ta' Preston wara li fl-2014 kien rebaħ il-Players Championship Grand Final billi għeleb lil Gerard Greene 4-0 fil-finali.

Hawkins, li tela' jokkupa t-tmien post fir-rankings tad-dinja, minbarra t-trofew prestiġjuż rebaħ ukoll il-premju finanzjarju ta' £100,000, waqt li Day li mit-23 post issa jinsab it-18, mar lura lejn daru b'ċekk ta' £40,000.

Min-naħa tiegħu Day kien qed jipprova jsir il-ħames rebbieħ ta' titlu ranking għall-ewwel darba dan l-istaġun wara li ilu 18-il sena bħala professjonali jfittex li jirbaħ il-fidda.

Huwa ffaċċja avversarju li lagħab xi ftit mill-aqwa snooker ta' ħajtu fl-ewwel sessjoni, iżda pprovda reżistenza qawwija biex iżomm l-iskor baxx għal 6-3.

Hawkins għamel ħames century breaks fenomenali, inklużi erbgħa fl-ewwel sessjoni waqt li fil-bidu tat-tieni sessjoni fil-għaxija żied oħrajn ta' 128 u 85 hekk kif mar 9-3 minn fuq u deher li se jagħmel ix-xogħol tal-lejla qasir.

Kienet sensiela rimarkabbli li ratu jersaq viċin ir-rebħa meta l-player ta' 37 sena ppottja 315-il punt mingħajr risposta.

Hawkins kellu żewġ ċansijiet kbar fil-bidu tat-13-il frame. Huwa falla ħomor sempliċi u fetaħ it-tieqa għall-player minn Wales.

Ironikament Day "ippanċja l-arja" wara li ppottja l-ewwel ħamra wara dak l-attakk u baqa' jżomm it-tamiet tiegħu ħajjin bi breaks ta' 21 u 87.

Il-finalista ta' erba' tournaments ranking sab soluzzjoni inkredibbli meta għamel breaks ta' 84, 92 u 75 biex tefa' lil Hawkins taħt pres-sjoni u jagħlaq id-distakk għal 9-7.

Day deher li se jagħmel iktar pressjoni fuq il-player Ingliż li fis-semi-finali ħalla vantaġġ ta' 5-1 jaħrablu kontra Joe Perry fil-Masters tax-xahar l-ieħor, meta kien 31 punt minn fuq fis-17-il frame.




L-Ingliż Barry Hawkins

Eventwalment Hawkins ta maskra perikoluża lill-avversarju, li affordjatlu ċ-ċans li jikklerja l-mejda u drammatikament issiġilla t-titlu.

Il-frames kollha żvolġew hekk:

Barry Hawkins v Ryan Day 10-7 – 44-80 (55), 87-1 (53), 121-7 (114), 132-9 (102), 39-68, 129-0 (129), 1-69 (54), 145-0 (141), 97-6 (97), 128-0 (128), 89-0 (85), 65-4, 14-108 (87), 0-84 (84), 0-96 (92), 1-75 (75), 67-56.

# Anthony McGill jirbaħ it-tieni shoot-out tiegħu

Anthony McGill rebaħ it-tieni titlu ranking tiegħu dan l-istaġun meta fil-finali tax-Shoot Out għeleb liċ-Ċiniż, Xiao Guodong, 1-0, 67-19 (67) meta kull logħba tieħu 10 minuti.

Il-player ta' 26 sena minn Glasgow, McGill, għal darb'oħra wera t-talenti li jippossjiedi hekk kif kompla fuq l-ewwel rebħa tiegħu dan l-istaġun meta f'Lulju rebaħ l-Indian Open.

Issa l-Iskoċċiż huwa l-uniku player minbarra Mark Selby li dan l-istaġun rebaħ iktar minn titlu wieħed.

Wara li ħa ftit tas-snin biex jistabbilixxi ruħu mindu fl-2010 sar professjonali, fl-aħħar tmien xhur McGill għamel it-transizzjoni li minn player promettenti sar rebbieħ ta' żewġ tournaments.

McGill rebaħ seba' logħbiet fil-Watford Colosseum fit-tournament li kien miftuħ għall-128 player fit-tour u li ġie rikonoxxut bl-istatus ta' ranking għall-ewwel darba. Iċ-ċekk li rebaħ ta' £32,000 wisq probabbli li jarah jidħol fost l-aqwa 16 meta jkunu magħrufa s-seedings wara ċ-China Open li jfisser post awtomatiku fil-Crucible f'April li ġej.

Uffiċjalment huwa jinsab fl-20 post tar-rankings tad-dinja li jfisser li fl-istorja ta' seba' snin tax-Shoot Out dan qatt ma rebħu player li kien fl-ewwel 16.

Xiao huwa l-uniku player li wasal sal-finali tax-Shoot Out darbtejn iżda reġa' ġie mċaħħad mit-trofew, bħal ma kien ġralu kontra Michael White sentejn ilu.

Foul kmieni minn McGill ta l-ewwel

# Stuart Bingham isir il-Prinċep ta' Wales

Stuart Bingham għeleb lil Judd Trump 9-8 f'finali pjaċevoli tal-Welsh Open biex rebaħ l-ewwel titlu tiegħu mindu 22 xahar ilu kien sar champion tad-dinja.

Bingham ħalla vantaġġ ta' 4-0 jaħrablu minn taħt idejh u lejn it-tmiem sab ruħu minn taħt għall-ewwel darba, 8-7, iżda rebaħ l-aħħar żewġ frames biex issiġilla r-rebħ tar-Ray Reardon Trophy u ċ-ċekk ta' £70,000.

Lejn it-tmiem l-atmosfera kienet waħda eċċitanti fil-Motorsport Arena li kienet ippakkjata sa ruħ ommha hekk kif sensiela ta' frames ġew deċiżi fil-kuluri, u Bingham rebaħ biżżejjed minnhom qabel ma għamel break eċċellenti f'dak deċiżiv.

Dan kien ir-raba' titlu ranking għall-player ta' 40 sena minn Basildon u temm stennija twila biex jirbaħ iktar unuri mindu ttrijonfa fil-Crucible ta' Sheffield f'Mejju 2015.



Stuart Bingham u martu Michelle kuntenti bit-trofew wara r-rebħa 9-8 fuq Judd Trump

Meta rebaħ l-ewwel titlu tal-Welsh Open, Bingham ħassar il-memorja tal-finali tal-2013 fi Newport meta kien tilef 9-8 kontra Stephen Maguire. Huwa baqa' fit-tieni post tar-rankings tad-dinja, iżda għadu lura sew minn Mark Selby.

Trump falla ċ-ċans li jirbaħ żewġ titli ranking fl-istess staġun għall-ewwel darba wara li f'Ottubru rebaħ il-European Masters. Issa huwa tilef sebgħa mit-13-il finali rankings u sitta mill-11-il logħba ma' Bingham.

Il-player ta' 27 sena minn Bristol xorta tela' post fir-rankings għat-tielet wieħed grazzi għall-premju ta' £30,000 li rebaħ bħala finalista.

Trump, li kien qed jilgħab l-ewwel finali tal-Welsh Open, kien 5-3 minn taħt wara l-ewwel sessjoni iżda ma damx ma naqqas l-iżvantaġġ meta ddomina l-ewwel frame tas-sessjoni ta' fil-għaxija.

Fl-10 frame huwa kien l-ewwel fost il-boċċi iżda falla sewda minn postha meta kien fuq 48 u Bingham ikkastigah bi clearance ta' 63 biex mar 6-4 minn fuq.

Breaks ta' 41 u 27 taw il-frame li jmiss lil Trump u wara anke rebaħ it-12-il frame wara li ta maskra fuq is-safra finali biex sal-mistrieħ għamilhom 6-6.

Trump deher favorit fit-13-il frame sakemm weħel meta skappa minn maskra fuq l-aħħar sewda u Bingham għamel clearance tajba biex reġa' mar minn fuq.

Meta l-14-il frame wasal sal-aħħar ħamra din id-darba kien Bingham li ħelisha minn maskra, iżda ħalla l-ħamra fir-rokna biex ippermetta lill-avversarju jagħmilhom 7-7.

Imbagħad Trump mar għall-ewwel darba fil-vantaġġ meta rebaħ il-15-il frame, iżda fil-frame ta' wara li kien wieħed tens ħafna tant li dam 40 minuta, Bingham irritalja u ta maskra fuq il-kannella u wara għamel clearance li nkludiet roża doppja fil-pocket tan-nofs.

Fil-bidu tal-frame deċiżiv iż-żewġ players kellhom iċ-ċansijiet tagħhom u Trump kien sfortunat li ma fetaħx il-boċċi meta ppottja safra meta kien 25-24 minn fuq.

Wara mument żgħir ta' difiża miż-żewġ naħat, kien Stuart Bingham li ppottja ħamra fit-tul biex wara żamm l-ekwilibriju tiegħu bi break ta' 55 li rah jaqbeż il-linja tat-tmiem.

Il-frames ġew mirbuħa hekk:

Stuart Bingham v Judd Trump 9-8 – 69-45 (69), 65-64 (Trump 64, Bingham 65), 74-1 (74), 61-21, 35-63, 0-130 (68 u 58), 87-0 (87), 50-61, 1-91, 63-48 (63), 0-69, 36-74, 62-52, 31-66, 46-64, 71-57, 79-25 (55).

ċans lin-numru 58 tad-dinja, Xiao, iżda wasal biss sa 15-il punt. Bdil ta' difiża ntemmet meta Xiao ħalla ħamra fil-pocket ta' fuq u McGill baqa' kalm biex għamel break eċċellenti ta' 67 li bih rebaħ it-titlu.

Fis-semi-finali, Xiao għeleb lid-dilettant Andy Hicks, li kien wasal sal-aħħar erbgħa ta' tournament ranking għas-sitt darba fil-karriera tiegħu u l-ewwel mill-1996.

McGill issupera lil Shaun Murphy fuq il-kuluri wara li Murphy falla l-aħħar ħadra fil-pocket tan-nofs meta kien jinsab minn taħt b'ħames punti.




Anthony McGill (bit-trofew) wara li għeleb lil Xiao Guodong (ħdejh lemin) fil-finali

Football

# Tkompli l-avventura storika ta' SK Victoria Wanderers



SK Victoria Wanderers komplew bl-avventura mill-isbaħ tagħhom meta eliminaw konsekuttivament żewġ timijiet tal-Premier biex komplew jiktbu l-istorja li saru l-ewwel club Għawdxi li wasal sas-semi-finali tal-FA Trophy.

Huma bdew bil-logħba tal-ewwel round, nhar il-11 ta' Settembru 2016, kontra St Venera Lightnings tat-Tielet Diviżjoni Maltija, fil-Luxol Stadium. Kien Igor Grkajac li fetaħ l-iskor fl-20 minuta biex imbagħad kien l-istess attakkant Serb li rdoppja fid-39 minuta. Fir-raba' minuta tat-tieni taqsima, sieħbu Aleksander Komkljenovic aċċerta mill-kwalifikazzjoni.

Fit-tieni round, il-Wanderers affrontaw lil Melita tal-Ewwel Diviżjoni fis-Centenary Stadium, nhar it-23 ta' Ottubru 2016, fejn l-Għawdxin kisbu rebħa stretta ta' 2-1. Kienu r-Rabtin li ħadu l-vantaġġ wara biss żewġ minuti minn auto-goal ta' Toriano Singleton. Fl-34 minuta Srdjan Draskovic rdoppja. Melita wettqu reazzjoni wara l-mistrieħ fejn irnexxielhom biss inaqqsu l-iskor fid-19 il-minuta permezz ta' Matthew Groves.

Fit-tielet rawnd, SK Victoria, ftit sabu diffikultá biex eliminaw lil Mgarr United tat-Tieni Diviżjoni Maltija bl-iskor ta' 5-0 fil-ground ta' Sannat, nhar is-7 ta' Diċembru li għadda. L-awturi tal-goals kollha kienu players Serbi. Fil-fatt żblokka r-riżultat għalihom Predrag Dordevic wara erba' minuti logħob b'xutt minn barra l-kaxxa. Fil-35 minuta, huma rduppjaw b'xutt fil-baxx ta' Milanko Raskovic li approfitta minn indeċiżżjoni fid-difiża opposta. Fit-tieni taqsima, l-andament tal-logħob baqa' l-istess f'iktar dominanza Għawdxija, b'Igor Grkajac ikabbar il-vantaġġ fl-10 minuta b'xutt fil-baxx. Srdjan Draskovic għamilhom erba' fit-22 minuta b'daqqa ta' ras wara cross ta' Igor Grkajac. Minuta mit-tmiem l-istess Draskovic issiġilla r-rebħa b'xutt mill-viċin wara free-kick ta' Grkajac.

Fir-raba' round, fil-Gozo Stadium, SK Victoria għelbu l-isfida tat-team tal-Premier, St Andrew's. Din il-partita li ntlagħbet, fit-18 ta' Jannar 2017, kienet deċiża favur l-Għawdxin b'goal minuta mit-tmiem meta minn azzjoni ta' corner mogħti minn Grkajac, Predrag Dordevic xellef għal ġewwa bir-ras biex qata' passaġġ għall-kwarti finali.

SK Victoria Wanderers komplew bl-avventura mill-isbaħ tagħhom meta, fid-19 ta' Frar, fil-kwarti-finali li ntlagħbet ukoll fil-Gozo Stadium, għelbu lit-team tal-Premier, Prembroke Athleta, bl-iskor ta' 2-0, b'goal f'kull taqsima.

Fit-28 minuta, SK Victoria fetħu l-iskor meta wara azzjoni personali u cross mixxellug ta' Raskovic, id-difensur Miguel Attard kien sfortunat meta kkommetta auto-goal. Erba' minuti wara rduppjaw meta Milankovic Raskovic għadda minn fuq ixxellug u mill-cross tiegħu Predrag Dordevic bir-ras ikkonkluda għal ġewwa.

Bla dubju dan is-suċċess Rabti nissel sodisfazzjon qawwi, mhux biss għall-istess Wanderers, iżda wkoll dak tal-pubbliku sportiv Għawdxi in ġenerali. Storikament din kienet it-tieni darba fl-istorja tal-FA Trophy ta' Malta li team Għawdxi ser jilgħab f'din il-fażi daqstant avvanzata tas-semi finali.

Fil-fatt, fl-istaġun 1978-79, l-ewwel team Għawdxi li wasal sas-semi-finali tal-FA Trophy kienu Gozo XI meta, nhar is-6 ta' Mejju 1979, kienu għelbu lil Msida St Joseph fil-kwarti-finali bl-iskor ta' 2-1, bil-goals jaslu minn Frankie Muscat (18) u Teddy Bajada (84) biex għaddew għas-semi-finali fejn eventwalment kienu eliminati minn minn Floriana bl-iskor ta' 1-0, nhar l-14 ta' Mejju 1979.

minn Joe Bajada

# Jitkompla il-Kampjonat tal-Yamaha Gozo Motocross

Wara assenza kemmxejn twila minħabba kundizjonijiet ħżiena fit-trakka, il-Gozo Motorcross Association kompliet torganizza iktar rounds mill-Yamaha Gozo Motocross Championship 2016/17 bil-parteċipazzjoni ta' diversi sewwieqa Għawdxin li wrew ħila nkredibbli fuq il-muturi tagħhom. Il-tlielaq kienu kompetittivi aktar minn qatt qabel fejn rajna sewwieqa ta' kalibru kbir jissieltu għall-ewwel tliet postijiet.

Il-kompetizzjonijiet qed ikunu segwiti minn numru kbir ta' spettaturi li għażlu li jqattgħu l-ħin tagħhom Ta' Xħajma jissapportjaw lil dawn is-sewwieqa u lil dan l-isport favorit tagħhom.

Fit-tielet round kien hemm tliet klassijiet. Fi Klassi A, is-sewwieq Mario Cauchi iddomina l-ġurnata hekk kif hu u Steve Xuereb issieltu għall-ewwel post. Infatti Cauchi spiċċa fl-ewwel post segwit minn Xuereb fuq Honda CRF 250cc. Warajhom daħal Etienne Bigeni filwaqt li rajna r-ritorn ta' ħuh Joseph Bigeni li sfida lil Robert Spiteri għar-raba pożizzjoni.

F'kategorija B rajna taqtiegħa nteressanti ferm bejn Keith Bugeja fuq il-Yamaha ġdid tas-sena 2016, Nataniel Camilleri, Matthew Zammit u Jorn Stellini. Zammit daħal it-tieni waqt li Camilleri ġie fit-tielet post. Bugeja rebaħ din il-kategorija. Fi Klassi C ukoll żvolġiet fi tlielaq interessanti ferm bejn is-sewwieqa Daniel Camilleri, Anthony Fenech, Joseph Luke Gauci u Mark Camilleri. Gauci rnexxielu jakkwista is-60 punt tal-ġurnata, segwit ferm viċin minn Anthony Fenech fuq KTM SX 85cc. Daniel Camilleri daħal it-tielet.

Ir-raba' round tal-Kampjonat tkompla wara li sar iktar xogħol fuq iċ-ċirkwit, is-sewwieqa membri setgħu jattendu għat-taħriġ biex jippreparaw ruħhom għal taqtiegħa nteressanti u kemmxejn iebsa meta jinżlu fuq l-'Istarting Gate' u jaffaċċjaw iktar rivalità sportiva fuq il-muturi tagħhom. L-isfida u r-rivalità f'kull klassi qed tkompli dejjem tikber, hekk kif sewwieqa minn Klassi A, B jew Ċ komplew jissieltu biex isibu posthom fuq quddiem ħalli jakkwistaw punti massimi.

Fi Klassi A il-kompetizzjoni kienet qawwija bejn sewwieqa Għawdxin u Maltin. Clayton u Kyle Camilleri kienu fost is-sewwieqa li taw wirja sabiħa bis-sewqan tagħhom flimkien ma' Mario Cauchi, Steve Xuereb, Robert Spiteri u Etienne Bigeni. Dawn is-sewwieqa huma fost l-aqwa li hawn fil-Gżejjer Maltin urew ħila u abbiltà nkredibbli fuq il-muturi tagħhom.

Filwaqt li nħass in-nuqqas ta' David Dimech, is-sewwieqa ta' din il-klassi baqgħu b'saħħithom sat-tmiem. Sfortunatament, Mario Cauchi kellu 'puncture' fir-rota ta' wara iżda xorta waħda kompla jissielet biex ma jintilfux punti. Steve Xuereb daħal l-ewwel, b'punti massimi tal-ġurnata, segwit minn Clayton Camilleri filwaqt li Mario Cauchi u Etienne Bigeni spiċċaw fit-tielet post bl-istess ammont ta' punti.

Fi Klassi B, Nataniel Camilleri issielet biex ma jitlifx postu iżda Keith Bugeja fuq Yamaha YZF 250cc irnexxielu jidħol fl-ewwel post segwit minn Camilleri u warajhom irnexxielu jsib postu Godfrey Bigeni fuq il-mutur tiegħu Suzuki RMZ 250cc. Joseph Luke Gauci li reġa' spiċċa fl-ewwel post fi klassi Ċ, akkwista punti massimi. Anthony Fenech fuq KTM SX 85cc daħal fit-tieni post segwit minn Raymond Caruana fit-tielet post. Matthew Spiteri u Kurt Fenech taw wirja tajba filwaqt li kien hemm ir-ritorn ta' Frank Xuereb bhala sewwieq, fuq KTM SX 144cc, wara nuqqas ta' 12 il sena.

Ir-rebbieħa ta' kull round ingħataw trofej kull wieħed mill-president tal-Gozo Motocross Association, Frank Xuereb, filwaqt li komplew jinġabru l-punti għall-kampjonat 2016/17. L-għaqda tkompli tħeġġeġ dejjem aktar sewwieqa ġodda biex jissieħbu magħha ħalli jgawdu dan l-isport li sar ferm popolari fil-gżira Għawdxija.

Għal aktar tagħrif wieħed jista jżur il-paġna ta' Face Book (https://www.facebook.com/gmagozo)





MEU SAC
Malta-EU Steering & Action Committee

# L-Isport jgħaqqad in-nies fl-Ewropa

Minn James Azzopardi




Il-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (UE) issa daħlet fit-tielet xahar tagħha b'ħidma li qiegħda ssir fuq diversi livelli ta' diskussjoni u teħid tad-deċiżjonijiet bejn l-Istati Membri. Matul il-Presidenza, Malta qiegħda sservi wkoll ta' forum importanti fejn jiġu diskussi temi relatati mal-Isport.

Proprju bejn it-8 u d-9 ta' Marzu, id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, il-Kultura u l-Isport, flimkien ma' SportMalta, organizzaw f'Malta l-Forum Ewropew għall-Isport.

Dan il-Forum ġie stabbilit fl-2007 bħala riżultat tal-White Paper dwar l-Isport u sa mit-twaqqif tiegħu sar il-pjattaforma ewlenija għad-djalogu strutturat bejn istituzzjonijiet u assoċjazzjonijiet Ewropej u msieħba oħra fejn jidħol l-isport. L-għan ewlieni tal-Forum huwa li jingħata rendikont tal-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-aġenda tal-UE għall-isport u biex jinstemgħu l-fehmiet tal-partijiet interessati dwar attivitajiet sportivi li jkunu għaddejjin u attivitajiet oħra, kemm dawk pjanati kif ukoll dawk li possibbilment jistgħu jsiru fil-futur. Il-Forum jiltaqa' kull sena u l-aħħar sessjoni saret waqt il-Presidenza Olandiża tal-Kunsill tal-UE, f'Marzu 2016, ġewwa Den Haag.

Matul il-Forum Ewropew għall-Isport li sar f'Malta, il-parteċipanti ddiskutew l-isport bħala għodda importanti għall-inklużjoni soċjali u għall-għaqda bejn nazzjonalitajiet, razez, kulturi u nies li ġejjin minn setturi differenti tal-ħajja. Fl-introduzzjoni tiegħu, Il-Kap Eżekuttiv ta' SportMalta, is-Sur Mark Cutajar qal li l-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Isport għandu jkun pjan għal kulħadd u fakkar ukoll ir-relevanza tal-volontarjat fl-isport, proprju minħabba li din hi prijorità għall-Presidenza Maltija f'dan is-settur.

Id-Deputat tad-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, il-Kultura u l-Isport, Jens Nymad Christensen, għaqqad l-importanza tal-isport fix-xenarju globali kontemporanju u qal li l-isport jista' jkun ir-risposta għall-instabbiltà u l-inċertezza politika li tinsab fiha l-Ewropa. L-isport, qal Christensen, jgħaqqad lin-nies flimkien u jsaħħaħ il-komunità tal-kontinent Ewropew. Peress li l-ewwel jum tal-Forum inzerta l-Jum Dinji dedikat lill-Mara, is-Sur Christensen saħaq li l-parteċipanti nisa preżenti fil-Forum jagħmluh kburi li hu Ewropew.

Matul id-diskussjonijiet ingħatat importanza wkoll lill-proġetti sportivi finanzjati mill-UE permezz tal-Erasmus+. Il-kelliema saħqu li huma kuntenti li l-isport qiegħed jingħata l-importanza li jistħoqqlu f'dan il-programm ta' fondi Ewropej daqshekk popolari. Fil-fatt, fl-2016, twettqu 140 proġett sportiv tal-Erasmus+, żieda ta' 87 proġett mill-2015.

Waqt il-Forum ġew diskussi bosta temi oħrajn li, aktar ma jissaħħu, aktar l-isport ikun jista' jilħaq nies differenti u jkun ta' ġid soċjali. Fost dawn is-suġġetti, l-esperti u dawk preżenti tkellmu dwar il-governanza fl-isport, id-doping, l-innovazzjoni, il-kontribut li jista' joffri l-isport għaż-żieda fl-impjiegi u t-tkabbir ekonomiku, il-volontarjat, l-e-sports u l-vjolenza abbażi ta' ġeneru fl-isport. Dawn it-temi kienu diskussi fi gruppi permezz ta' sessjonijiet ma' esperti fl-oqsma differenti. Fost il-kelliema Maltin, kien hemm ukoll il-Membru tal-Parlament Ewropew, Marlene Mizzi. Is-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, ż-Żgħażagħ u l-Isport, Chris Agius, li hu wkoll ir-rappreżentant Ewropew dwar l-azzjoni kontra d-doping, kien membru f'panel ta' dibattitu li ddiskuta x'hemm bżonn isir biex tinkiseb mill-ġdid il-fiduċja fis-sistema ta' kontra d-doping.

Barra minn hekk, minn dawn is-




sessjonijiet ħarġu ħafna konklużjonijiet, speċjalment fejn jidħlu l-impjiegi u l-isport. Punt importanti huwa l-fatt li l-isport hu miftuħ għal kulħadd, mhux għal nies ta' edukazzjoni għolja biss, u dan jgħin biex l-isport ikun mezz ta' kif persuna tkun tista' tidħol fid-dinja tax-xogħol.

Wieħed jistenna li dan il-punt, flimkien ma' oħrajn li ġew diskussi, jiġu riflessi fi pjani ta' ħidma għall-isport, biex b'hekk, l-isport jilħaq iktar nies u dejjem ikun imsaħħaħ, tema li tant hi għal qalb ħafna ċittadini madwar l-UE.

Waqt it-tieni u l-aħħar jum tal-Forum, Il-Kummissarju Ewropew għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, il-Kultura u l-Isport, Tibor Navracsics indirizza lill-parteċipanti, fejn fost l-oħrajn iffoka fuq il-grassroots sport, jiġifieri l-isport fl-aktar forma bażika tiegħu, dak li jinvolvi nies mhux professjonali. Huwa saħaq li l-isport jifforma parti importanti minn ħajtu u li hu lest li jaħdem mal-Istati Membri biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet li ħejja l-grupp ta' esperti proprju dwar il-grassroots sport. Tajjeb li nsemmu li dan il-grupp kien parti minn ħames gruppi ta' esperti li ttrattaw temi bħall-governanza, tbagħbis fil-logħob, l-ekonomija, u s-saħħa matul il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-isport għall-perjodu bejn l-2014 u l-2017.

Il-ħidma ta' dawn il-gruppi, flimkien mar-rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Pjan ta' Ħidma, ġew diskussi f'laqgħa informattiva organizzata mill-MEUSAC flimkien ma' SportMalta, nhar il-21 ta' Marzu. Għal din il-laqgħa attendew bosta organizzazzjonijiet sportivi li ġew infurmati wkoll bl-opportunitajiet ta' proġetti sportivi finanzjati mill-UE permezz tal-Erasmus+.

Il-Forum Ewropew għall-Isport huwa tassew okkażjoni importanti biex jitmexxew dawn it-temi u jinqasmu l-opinjonijiet bejn ċittadini ta' diversi Stati Membri. Il-Forum hu biss avveniment wieħed minn ħafna li jfakkruna li l-Isport għandu rwol uniku, importanti u effettiv: li jressaq nies minn kull livell tas-soċjetà flimkien, li jrawwem u jsaħħaħ ħbiberiji u li jinkoraġġixxi l-inklużjoni soċjali.






# Jinqala' l-inkwiet wara l-logħba bejn Valletta u Sliema Wanderers

Minn Tonio Farrugia

## Kampjonat 1962-63

**L-Għaxar Ġurnata**

**10-02-1963:**

**Hibernians FC – St. George's FC 4-1**

**H.T 2-0**

**Ref: Ritchie Casha**

**Skurjaw: F. Xuereb (H) 5', V. Cassar (H) 38', F. Delia (St. Geo) 53', E. Theobald (H) 73' u F. Xuereb (H) 80'.**

**Hibernians FC**: Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, John 'Il-Ġemel' Privitera (Andrew Ellul 81'), Salvu 'Karettuni' Gatt, Johnnie Attard, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Louis Theobald, Victor Grima, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Victor 'Il-Palun' Cassar, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb, Joe 'Il-Felli' Ciantar.

**St. George's FC:** Pawlu Nappa, Karmenu Frendo, Peppi Delceppo, Franz Buttigieg, Leonard Mizzi, Freddie Delia, Freddie Wilson (Bugeja 46'), Victor Brincat, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Salvu 'Scotch' Scicluna, Wally Hili.

1. Frans Xuereb tkeċċa tard fil-partita wara li deher jgħaddi xi rimarki lejn l-ispettaturi.

**16-02-1963:**

**Valletta FC Sliema Wdrs. FC 1 0**

**H.T 0-0**

**Ref: Joe M. Cassar Naudi**

**Skorja: J. Zammit (V) 84'.**

**Valletta FC:** Tommy Taylor, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Charlie Williams, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Frankie Zammit, Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci, Josie Urpani, Mario Azzopardi (Johnnie Darmanin 46'), Tony Calleja (Joe 'Il-Ginger' Zammit 58'), Freddie 'Il-Waniż' Borg.

**Sliema Wdrs. FC**: Freddie Debono, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, Charles 'Il-Kiskisell' Spiteri, Salvu Bonnici, Robbie Buttigieg, Ronnie Cocks, Peter Fitzgerald, Alfred Pisani (Sammy Nicholl 46'), Joe Cini, Edward Aquilina.

1. Diversi partitarji rrabjati ta' Sliema Wanderers inġabru wara l-bibien tal-Istadium jistennew lir-referee Joe Cassar Naudi joħroġ. Huma kienu għadhom urtati minħabba li ordna free-kick dubjuż favur Valletta li minnu Joe Zammit skorja l-goal tar-rebħa sitt minuti mit-tmiem.

2. Eżatt mat-tisfira finali madwar 50 partitarju Belti rnexxielhom jaqbżu fil-ground u għollew fuq l-ispallejn lill-players tagħhom għal din ir-rebħa mportanti. Il-Pulizija ħadu azzjoni mill-ewwel u żewġ fire-engines fetħu l-ilma sabiex jitfgħu lura lill-partitarji Beltin u ma jinqalax inkwiet. L-affarijiet iżda marru għall-agħar meta partitarji Slimiżi qabdu jwaddbu l-ġebel fid-direzzjoni tal-players Beltin. Minħabba f'hekk waħda mill-Fire Engines bdiet titfa' l-ilma lejn is-Sliema side. Minflok ikkalmaw l-irjus sħan, l-inkwiet kompla jiżdied.

3. Xi uffiċjali għolja tal-FA Ingliża kienu preżenti għal din il-partita.

Fis-26 ta' Frar 1963 il-football Malti tilef żewġ players meta Twanny Cassar 'Il-Ginger' ta' Ħamrun Sp. FC u Billy Dalli ta' Floriana FC emigraw lejn l-Awstralja. Huma kienu mistennija li jingħaqdu ma' George Cross FC. Sadanittant fis-17 ta' Frar 1963 Ġużi Dimech 'Ir-Rumba' għamel id-debutt tiegħu ma' George Cross FC f' rebħa ta' 5-3 fuq Juventus tal-Awstralja fin-Night Soccer Competition. Il-goals ta' George Cross waslu minn Copeland, Gibb, Campbell u Fredu 'Steak' Abela li skorja l-aħħar żewġ goals.

**02-03-1963:**

**Floriana FC – Ħamrun Sp. FC 3-2**

**H.T 2-1**

**Ref: Joe M. Cassar Naudi**

**Skurjaw: L. Borg (F) 6', J. Mizzi (Ħ) 33', T. Cauchi (F) 34', J. Mizzi (Ħ) 48' u L. Borg (F) 49'.**

**Floriana FC:** Salvu Alamango, Lolly Debattista (Derek Iles 63'), Jimmy Farrugia, Joe Grima, Edward Azzopardi (Wistin Mallia 68'), Freddie Vella James, Twanny Sultana, Louis Bugeja, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**Ħamrun Sp. FC:** Vince Tedesco, Martin Attard, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras (Albert Calleja 46'), George Jones, John Fondacaro, George Cuschieri, Pawlu Buttigieg, Carmelo 'In-Nene' Grech, Jimmy Mizzi, Heywood (John 'Il-Bipu' Mifsud 69'), George Micallef.

1. Ftit ġranet qabel, Ħamrun Spartans kienu ttrasferew lid-difensur George Cassar lil Qormi FC għal 50. Huwa ma kienx irnexxielu jirbaħ postu fl-ewwel team tal-Ispartans.

2. Is-sostitut Derek Iles huwa t-tifel tad-difensur tal-Army u r-Royal Engineers Bobby Iles.

**03-03-1963:**

**Rabat FC – Birkirkara FC 5-1**

**H.T 1-1**

**Ref: Turu Lentini**

**Skurjaw: P. Said (R) 40 sekonda, C. Galea (B) 13', P. Said (R) 59' u 60', V. Vassallo 71' u G. Tonna (R) 75'.**

**Rabat FC:** Charles 'Kastru' Zerafa, Joe Bugeja, Joe Grech, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Carmelo Nappa, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Vince 'Tal-Manager' Vassallo, Nenu Chircop (Charles Zammit 36'), George 'Ta' Ġulinu' Tonna, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Fredu Church.

**Birkirkara FC:** Peter Galea (Joe Garrett 23'), Carmelo Micallef, Pawlu Barbara, Leli Pace, John Camilleri, George Dalli, Leli Theuma, Carmelo Galea, Toni Caruana, Leli Tonna (Wally Dimech Debono 68'), Charlie Ciantar.

**Klassifika:** Valletta FC 16-il pt.; Hibernians FC 15-il pt.; Sliema Wdrs. FC u Floriana FC 14-il pt.; Ħamrun Sp. FC 9 pti.; St. George's FC 7 pti.; Rabat FC 4 pti.; Birkirkara FC 1 pt.

**L-Aqwa Skorers**: M. Azzopardi (Valletta FC) 15-il goal; T. Cauchi (Floriana FC) 13-il goal; V. Cassar (Hibernians FC) 8 goals; T. Cassar (Ħamrun Sp. FC); E. Theobald (Hibernians FC); J. Cini (Sliema Wdrs. FC) u J. Urpani (Valletta FC) 5 goals.

## Il-Ħdax-il Ġurnata

**09-03-1963:**
**Sliema Wdrs. FC – Floriana FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Ref: Tommy A. Restall**
**Skorja: J. Cini (S) 79'.**

**Sliema Wdrs. FC**: Freddie Debono, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, Charles 'Il-Kiskisell' Spiteri, Salvu Bonnici, Robbie Buttigieg, Ronnie Cocks, Peter Fitzgerald, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef, Joe Cini, Edward Aquilina.

**Floriana FC:** Salvu Alamango, Lolly Debattista, Jimmy Farrugia, Charlie Galea, Edward Azzopardi, Freddie Vella James, Lolly Borg, Joe Grima, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Louis Bugeja (Twanny Sultana 60') Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**10-03-1963:**
**Hibernians FC – Rabat FC 2-1**
**H.T 1-1**
**Ref: James Sawyer**
**Skurjaw: V. Vassallo (R) 4', E. Theobald (H) 43' u S. Gatt (H) 88'.**

**Hibernians FC:** Tony Borg, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Salvu 'Karettuni' Gatt, Johnnie Attard, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Louis Theobald, Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci (Michael Zammit 72'), Frans Scerri (Anthony 'Il-Koku' Attard 85'), Victor 'Il-Palun' Cassar, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Joe 'Il-Felli' Ciantar.

**Rabat FC:** Charles 'Kastru' Zerafa, Joe Bugeja, Joe Grech, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, George 'Ta' Ġulinu' Tonna, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Vince 'Tal-Manager' Vassallo, Nenu Chircop, Pawlu 'Il-Fulier' Said (John Sapiano 72'), Charles Zammit, Fredu Church.

Aktar players tal-Ewwel Diviżjoni emigraw lejn l-Awstralja meta fl-10 ta' Marzu 1963 Jimmy Gatt, ex-goalkeeper ta' Ħamrun Sp. FC u Wistin Barbara l-attakkant ta' St. Patrick FC ħallew Malta lejn l-Awstralja. Bdiet tiġri x-xniegħa wkoll li żewġ players oħra, l-iskorer prolifiku Mario Azzopardi u l-ex Footballer of the Year Joe 'Ginger' Zammit, it-tnejn ta' Valletta, ukoll kellhom il-ħsieb li jemigraw lejn l-Awstralja.

**16-03-1963:**
**Valletta FC – Ħamrun Sp. FC 2-0**
**H.T 2-0**
**Ref: Ritchie Casha**
**Skurjaw: J. Urpani (V) 4' u M Azzopardi (V) 45'.**

**Valletta FC:** Tommy Taylor, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Charlie Williams, Joe Cilia, Frankie Zammit, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci, Fredu 'Il-Waniż' Borg.

**Ħamrun Sp. FC:** Vince Tedesco (Johnnie Chetcuti 46'), Ronnie Armeni, Martin Attard, George Jones, Carmelo 'In-Nene' Grech, George Cuschieri, Pawlu Buttigieg, Albert Calleja, Jimmy Mizzi, Heywood, George Micallef.

1. Ħamrun għamlu xi ħin jilagħbu b'għaxar players meta l-captain tagħhom George Jones ħabat ma' sieħbu tat-team Nene Grech fl-azzjoni tal-goal ta' Urpani fir-raba' minuta. Huwa kellu jħalli l-ground u rritorna tmien minuti wara b'rasu nfaxxata.

2. Il-goalkeeper sostitut Johnnie Chetcuti kien għadu kemm irritorna minn sena taħriġ mal-Armata f'Dortmund, il-Ġermanja.

**17-03-1963:**
**St. George's FC – Birkirkara FC 2-1**
**H.T 0-0**
**Ref: Joseph Agius**
**Skurjaw: T. Caruana (B) 55' u F. Delia (S) 87' u 90'.**

**St. George's FC:** Pawlu Nappa (Grech 56'), Karmenu Frendo, Gatt, Leonard Mizzi, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Peppi Delceppo, Victor Brincat (Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi 46'), Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Salvu 'Scotch' Scicluna, Freddie Delia, Wally Hili.

**Birkirkara FC:** Peter Galea, Pawlu Barbara, Leli Mallia, Carmelo Micallef, John Camilleri, George Dalli, Leli Theuma (Wally Dimech Debono 20'), Carmelo Galea, Toni Caruana, Leli Tonna, Neville Chappelle.

1. Pawlu Barbara ta' Birkirkara tkeċċa eżatt mat-tieni goal ta' Delia meta bir-rabja xxuttja l-ballun fid-direzzjoni tar-referee.

**Klassifika:** Valletta FC 18-il pt.; Hibernians FC 17-il pt.; Sliema Wdrs. FC 16-il pt., Floriana FC 14-il pt., Ħamrun Sp. FC u St. George's FC 9 pti.; Rabat FC 4 pti.; Birkirkara FC 1 pt.

**L-Aqwa Skorers:** M. Azzopardi (Valletta FC) 16-il goal; T. Cauchi (Floriana FC) 13-il goal; V. Cassar (Hibernians FC) 8 goals; E. Theobald (Hibernians FC), J. Cini (Sliema Wdrs. FC) u J. Urpani (Valletta FC) 6 goals.




# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' Manchester United

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' April, 2017

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Manchester United ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 119



Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 119 huwa:
**K. Vella - Sliema**

# Tisliba



### Soluzzjoni - Ħarġa nru 119

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| C | H | A | P | E | C | O | E | N | S | E | | A | |
| H | | I | | S | | R | | A | | L | U | K | E |
| A | R | K | A | N | S | A | S | | | I | | T | |
| R | | I | | A | | G | R | A | N | A | D | O | S |
| L | U | D | O | I | S | E | | L | | N | | B | |
| E | | O | | D | | | D | E | L | A | M | E | A |
| S | A | Y | W | E | L | L | | S | | | A | | M |
| G | | A | | R | | E | S | S | I | E | L | | O |
| H | A | M | M | | Y | N | | I | | R | A | M | S |
| I | | A | | G | A | Z | Z | A | N | I | G | A | |
| L | A | T | O | | N | | W | | I | C | A | R | O |
| L | | O | | L | I | Z | A | U | R | | | I | |
| E | S | | D | | K | | C | | A | A | R | O | N |
| R | | M | U | L | A | | K | O | J | | | N | |

Kull xahar qed tintrebaħ membership ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**
Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' April 2017:
**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

Isem u kunjom

Indirizz

E-mail

Rebbieħa Ħarġa nru 119:
**S. Farrugia - Mosta**

### Mimdudin

1) Rebbieħ tal-Kampjonat Ewropew tal-Pool 2017 (5,9)
8) Enzo, 73 partita u 17-il goal għall-Urugwaj (11)
10) Stephan .. Shaarawy, winger ta' AS Roma (2)
12) Reuben "..." Vella, right-back ta' Kalkara FC (4)
14) Joao, referee Brażiljan fil-Fifa WC 1962 (5,5)
17) "...... St. Regis", il-yacht ta' Arthur Podesta (7)
18) Ladislav, difensur taċ-Ċekoslovakkja fil-Fifa WC 1934 (7)
20) Fritz, partita waħda mal-Ġermanja tal-Punent fl-1933 (7)
22) George, player internazzjonali Malti tar-Rugby (7)
26) Olympique Lyon (1,1)
27) Thomas, skorer prolifiku ta' Kalkara FC (7)
30) Serge, right-back ta' Paris SG u Ivory Coast (6)
32) Olympique Marseille (1,1)
33) Marco, player professjonali tas-Snooker minn Hong Kong (2)
34) Kang, weightlifter Ciniż, rebbieħ ta' diversi midalji (3)
35) Naderi, ex-difensur internazzjonali tal-Afghanistan (5)
37) Hammami, midfielder internazzjonali tat-Tuneżija (5)
38) Albert, midfielder tas-Serbia-Montenegro fil-Fifa WC 2006 (3)
39) Jennings, 22 sena jiddefendi l-lasti ta' l-Irlanda ta' Fuq (3)
40) Felix .... Udoh, left-back Niġerjan ta' St. Andrew's (4)

### Weqfin

1) Il-mibki riċenti uffiċjal ta' Pietà Hotspurs FC (6,5)
2) Club tal-Football Tork imwaqqaf fl-1967 (11)
3) Monica, tennista professjonali mir-Rumanija (9)
4) Meier, referee tal-Football Svizzeru rtirat (3)
5) Carlos Alberto Correia Fortes (3)
6) "... du Louvet", żiemel Franċiż ta' 21 sena (4)
7) Tyler, player professjonali tas-Snooker minn Wales (4)
9) Alan Borg ...., goalkeeper internazzjonali Malti fil-W'Polo (4)
11) Li 'sqaqien' fit track tal Atletika (5)
13) "...... Blanc", żiemel Franċiż ta' 15-il sena (7)
15) Alexander, ex-winger ta' Arsenal u Barcelona (4)
16) Ya, goalkeeper ta' Hebei China Fortune FC (2)
19) Block, sewwieq professjonali Amerikan fir-Rally (3)
21) Fabbri, coach 'umiljat' tal-Italja fil-Fifa WC 1966 (7)
23) Abdellah, ex-player tal-Football u Handball tal-Marokk (6)
24) McIlroy, golfer professjonali mill-Irlanda ta' Fuq (4)
25) Benjamin, attakkant Niġerjan ta' Kalkara FC (5)
27) Buhagiar, player Awstraljan-Malti ta' CC Mariners (5)
28) "...SP Stadion", stadium tal-Football fil-Finlandja (3)
29) Handball Federation of India (1,1,1)
31) Anyanwu, team manager ta' Pembroke akkużat b'koruzzjoni (4)
36) Kim ...-sung, midfielder Sud Korean fil-Fifa WC 1986-90-94 (3)

# FITNESS STUDIO

Triq il-Ġifen, St Paul's Bay

## Opening Hours

Mon-Fri 05.00 - 23.00

Sat 08.00 - 18.00

Sun 08.00 - 13.00

The prices for a single membership are as follows:

1 year €230

6 months €160

3 months €110

1 month €50

daily rate €7

Kindly call on 21575490 / 77580001 / email to gaucigym@gmail.com for further information


U*BET®
adidas
U*BET
—Live—
Betting
Seize the Action
TAKE MORE
CONTROL
OF THE GAME
Introducing NEW
Football Leagues
offered for Live Betting
PLAY RESPONSIBLY 18+